**NUMRU SPEĊJALI**

IT-TIENI U T-TIELET KTIEB — GUNJU-SETT.
IS-SITTA U TLETIN SENA — 1960

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ
*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*
KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GHADD

EDITORJAL — Is-Sur Nin Cremona Duttur fil-Letteratura ... faċċ. 35
A. CREMONA, D.Lit. (Hons.) — *Għawdex* ... ,, 39
A. CREMONA, D.Lit. (Hons.) — *Meta Tixjieħ* ... ,, 40
PROF. ĠUŻÈ GALEA — *Ninu Cremona* ... ,, 42
ĠUŻÈ CHETCUTI — *Tmenin* ... ,, 44
DR. R. BRIFFA — *Lil Ninu Cremona* ... ,, 46
KARMENU VASSALLO — Is-Sur Nin Cremona ... ,, 47
ĠINO MUSCAT AZZOPARDI — Għadni Niftakar ... ,, 49
KARMENU ELLUL GALEA — *Li Kieku Ma Kienx...* ... ,, 50
G. ZARB ADAMI — Kif Naraħ Jien ... ,, 53
ĠUŻÈ CARDONA — *Lis-Sur Nin Cremona* ... ,, 56
NIKOL BIANCARDI — *Xbieħa bil-Kitba* ... ,, 57
IVO MUSCAT AZZOPARDI — Ninu Cremona ... ,, 58
ANTON AGIUS MUSCAT — Tifkiriet ... ,, 60
KAN. P. CAUCHI — Is-Sur Nin Cremona ... ,, 64
A.M. PREVI, O.P. — *Lil Ninu Cremona* ... ,, 65
PROF. ĠUŻÈ GALEA — Diskors fi Pranzu ta' Ġieħ ... ,, 66
DR. A. CREMONA — Diskors fi Pranzu ta' Ġieħ ... ,, 67
ĠUŻÈ CARDONA — *Li Ma Kontx Int, Sur Nin* ... ,, 69
MARY MEILAK — *Ħanniega Ġiżimin* ... ,, 71
PROF. Ġ. AQUILINA — Is-Sur Nin ... ,, 72
KAN. KAP. Ġ. FARRUGIA — *Lis-Sur Nin Cremona* ... ,, 78
PATRI Ġ. MEILAK, S.J. — It-Teatrin ta' Marsalforn ... ,, 81
SAĊ. M.A. APAP — Lil Ninu Cremona ... ,, 84
JOE MEILAK — *Lil Ninu Cremona* ... ,, 86
JOSEPH ZAMMIT — *Ninu Cremona* ... ,, 86
FRANK MERCIECA — *Lil Ninu Cremona* ... ,, 87
ĠOŻÈ CHETCUTI — Il-Prologu tal-"Fidwa tal-Bdiewa" ... ,, 88
Kunċert fit-Teatru Manoel ... ,, 91
Reċensjonijiet ... ,, 94

**DIRETTUR: Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.A.,**
**29, Sur Santa Barbara, Valletta.**
**ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona,**
**53, Triq Wara S. Ubaldeska, Paula.**

---

**Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.**
**Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:**
**Victor Apap, 22, Triq it-Torri,**
**Tas-Sliema**

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IS-SITTA U TLETIN SENA

1960

STAMPERIJA TAD-DAR TA' SAN GUŻEPP,
HAMRUN

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU-SETTEMBRU 1960

# IS-SUR NIN CREMONA DUTTUR FIL-LETTERATURA

*MINN dejjem kienet ħaġa xierqa u ta' min ifaħħarha li l-Awtorità tippremja lil min għall-ħidma, għall-għerf jew għall-għaqal tiegħu jistħoqqlu foħrija u ġieħ. Fil-pajjiżi ċivilizzati hemm Awtoritajiet li għalkemm kull waħda għandha s-setgħa tagħha għaliha, kollha flimkien igħaqqdu l-ħakma li tmexxi l-pajjiż. Hekk, biex insemmu ftit, hemm l-Awtorità Amministrativa, l-Awtorità Ekkleżjastika, l-Awtorità Legali u l-Awtorità Akkademika. Dawn l-awtoritajiet kollha għandhom il-jedd li jagħtu xhieda ta' mertu lil min fil-fehma tagħhom, ikun għola 'l fuq minn sħabu u temm għamil ta' ġid lil għajru.*

*Għal din ir-raġuni l-Università Rjali ta' Malta bħala l-ogħla awtorità kulturali u akkademika ta' din il-Gżira, dehrilha u qatgħet li tonura lis-Sur Antonio Cremona u bis-setgħa mogħtija lilha mill-ħakma tal-pajjiż, ħatritu Duttur fil-Letteratura u żejnitu bit-titlu ta' D. Litt. (Honoris Causa). Dan huwa ġieh mill-aqwa u rari ħafna li jingħata biss lill-għorrief kbar u letterati magħrufin li għamlu isem fl-ambjenti kulturali ta' pajjiżhom u ta' barra wkoll.*

*Dan l-unur lil wieħed mill-persunaġġi l-aktar magħrufin u stmati tal-Gżira kien milqugħ bil-pjaċir mill-kotra tal-poplu. Id-Duttur Antonio Cremona jew Ninu Cremona, kif imdorrijin isejħulu l-ħbieb, stħoqq dan it-titlu akkademiku għall-ħidma twila u fejjieda tiegħu fil-qasam filoloġiku u lingwistiku, għall-istudji u riċerki li għamel fl-istruttura tal-lingwi orjentali u fuq kollox għax-xogħol tiegħu b'risq l-ilsien tagħna, il-Malti.*

*Ma nkunux ngħaġġbuha jekk ngħidu li s-Sur Cremona iddedika ħajtu għall-iżvilupp ta' l-ilsien Malti, ismu sar sinonimu tat-tħabrik għall-ġid ta' l-ilsien tagħna. Ninu Cremona bil-ħeġġa u bil-ħrara tiegħu qajjem xejra ta' mħabba għall-ilsien*

*Malti; huwa ħajjar bosta żgħażagħ biex igħożżu lsien art twelidhom, iweġġħuh u fuq kollox iħaddmuh u jinqdew bih skond is-sengħa tal-letteratura. Hafna u ħafna mill-kittieba Maltin tal-lum, poeti u prożaturi, jafu s-suċċess tagħhom lil Ninu Cremona li bis-sabar, bil-ħlewwa u bil-għaqal fetħilhom għajnejhom, ħajjarhom u għamlilhom il-qalb biex jikkoltivaw il-Malti.*

*Ninu Cremona ma hux bniedem li jaħdem għall-ġid ta' lsien art twelidna fil-ħemda ta' kamartu jew fis-satra ta' daru biss, huwa wieħed minn dawk il-qalbiena pijonieri li fil-beraħ u qalb il-folol, għollew leħinhom u ħaqqu fehemthom u ħabirku u tħabtu u ġġieldu biex jaqbżu għall-Malti u jqegħduh fil-post li jixraqlu u jistħoqqlu bħala lsien il-poplu ta' dawn il-Gżejjer. Ninu Cremona kien wieħed minn dawk il-ftit li mill-bidu ta' dan is-seklu għoxrin, fil-mixja 'l quddiem tal-Malti, żamm għolja t-torċa biex idawwal it-triq ta' dik il-mixja glorjuża.*

*Imma s-Sur Nin ma stħoqqx ġieh biss għat-tħabrik tiegħu favur il-Malti fil-qasam soċjali iżda wkoll għax-xogħol intellettwali li ħadem fl-iżvilupp tal-Malti bħala lsien letterarju. Is-Sur Cremona huwa mogħni b'dehen u b'għerf straordinarji u huwa jinqeda b'dawk id-doni fl-istħarriġ u fit-tfittix li dlonk jagħmel biex ifassal sisien xjentifiċi għall-ilsien tagħna. Huwa kien wieħed mill-ftit magħżulin li ndaħlu għax-xogħol iebes biex ifasslu ortografija xjentifika u koerenti għall-ilsien tagħna. Bil-għaqal, bis-sabar u bid-dehen tagħhom dawk l-ulied rari ta' Malta seħħilhom isawru sistema ta' kitba, il-lum magħrufa bħala Ortografija tal-Għaqda, li swiet bħala sies taż-żonqor li fuqu nbena t-tempju sabiħ tal-letteratura Maltija.*

*Dan l-iskular għaref fl-istudji tiegħu ma illimitax ruħu għall-aspett xjentifiku biss tal-kwistjoni lingwistika, li għalkemm ta' ħtieġa kbira, ma tantx jolqot lill-kotra, iżda huwa stħarreġ bosta naħiet tal-ħajja Maltija għax huwa jidhirlu li ma tistax tifred l-ilsien mill-ħajja tal-poplu. Għalhekk huwa ikkoltiva wkoll il-folklore, dak il-għerf bla miktub li jfaħħar ix-xejriet u d-drawwiet ta' niesna tal-qedem; xejriet u drawwiet li ma setgħux ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-ilsien li minnu tnissel kliemna tal-lum.*

*Dan mhux il-post biex niflu l-fejda ta' l-istudji xjentifiċi li ppubblika Dottor Ninu Cremona, imma ma nistgħux ma nsem-*

*mux li l-lum ismu huwa magħruf u meqjum mad-dinja kull fejn hemm ċentru ta' studji fuq l-ilsna orjentali u fuq folklore.*

*Hafna Maltin jafu lis-Sur Nin Cremona bħala studjuż bil-għaqal tal-Malti u mgħallem mill-iprem ta' dan l-ilsien; iżda kull min jinteressa ruħu fil-kitba Maltija jagħraf lil Cremona bħala kittieb tajjeb li sebbaħ mhux ftit il-letteratura tagħna. Bħala awtur drammatiku, bħala poeta, bħala novellista Ninu Cremona għamel isem li ma jintesa qatt sakemm l-ilsien Malti jibqa' mitkellem u miktub. L-opri tiegħu huma ornament prezzjuż u kolonni qawwija li jirfdu l-letteratura Maltija. Għal dawk ix-xogħlijiet biss Cremona jistħoqqlu l-ogħla ġieh u unur imma meta dawk ix-xogħlijiet jiżdiedu mal-ħidma tiegħu fil-qasam filoloġiku, kollha flimkien isawru patrimonju artistiku u xjentifiku ta' siwi bla qies li jibqa' jsebbaħ u jagħni lill-ġens Malti.*

*Meta fl-4 ta' Ġunju ta' din is-sena l-kbarat, il-għorrief u l-aqwa rjus ta' Malta ltaqgħu fl-Aula Magna ta' l-Università tagħna, filwaqt li r-Rettur kien qiegħed ilibbes lis-Sur Nin Cremona t-toga u l-berittin ta' Duttur u jxiddlu l-ħatem tal-ġieh, għaddiet bħal fewġa ħelwa li mliet bil-hena qlub il-mistednin u tqanqila ta' ferħ ġagħlithom jinfexxu f'ċapċip u fi tbissim imqanqlin minn għoġba u foħrija. Dik it-tqanqila kienet l-effett naturali li bnedmin ta' rieda tajba jħossu, ġima għall-kobor intellettwali u li jafu japprezzaw il-ħidma għall-ġid u jgħożżu l-ħaddiem qalbieni u bieżel. Imma aħna l-Membri tal-Għaqda ħassejna tferfira f'ruħna, tferfira li għaxxqitna bil-ħlewwa tagħha u għasritilna demgħa ta' ferħ minn għajnejna, għax aħna lis-Sur Nin ngħodduh mhux biss bħala l-ewlieni fostna imma wkoll bħala mgħallem, mexxej u maecenas tagħna l-aktar ħanin. Huwa l-eżempju tagħna, huwa x-xempju tar-rieda tagħna, huwa s-simbolu tal-fehma tagħna issa u dejjem. Vivat, vivat doctor Antonius!*



(Bil-kortesija ta' "It-Torċa")

DR. A. CREMONA, D.LIT. (HONS).

# GHAWDEX

Kull meta niġi nżurek, gżira tiegħi, 4
nisthajlek bħal dik l-omm li ġewwa ħdanha
tilqa' lil binha msiefer, u, ferħana,
toqgħod f'rokna tad-dar titkellem miegħi.

Tfakkarni fil-widien u fuq it-tliegħi
ħodor tal-għoljiet tiegħek fejn il-għana
tal-għelejjel ta' l-art tagħmlek sultana
b'rasek imżejna b'tal-frott l-isbaħ friegħi.

Tfakkarni fil-Kastell, il-Belt Qadima,
bl-irdum ta' nies qalbiena, u fi tfuliti,
għall-Madonna ta' Pinu fl-ewwel qima;

fid-dwejra fuq il-blat ta' xatt il-baħar,
ta' ċkuniti fis-sajf, u, fi xjuħiti,
f'Għawdex li qalbi l-lum bih biss tiftaħar.

# META TIXJIEH

*Ta'* A. Cremona

*(F'Album tar-Ritratti ta' Xbejba)*

Meta minn ħarstek tibda tgħib id-dija,
u fuq ġbinek taż-żmien tidher ir-radda,
rasek tfittex it-toqol ta' dil-ħajja
isserraħ fuq imħadda.

Meta b'għajnejk imbexxqa din id-dinja
tidhirlek wisq xort'oħra milli kienet;
u tara kemm tassew ta' żmienek qdiemet,
u din fit-togħma ħżienet.

Meta quddiem għajnejk bħal ħolma ġdida
tara tiżwiq ta' lbies u maskri ġodda
fuq sider u koxxtejn, u tat-twaletta
għall-wiċċ mill-ifjen għodda,

Tgħidx li żgħożitek kienet għadha tinbet,
tgħidx li żgħożitek kienet għadha fqira,
nieqsa mill-għana u l-hena ta' dil-ħajja :
tħallix tkiddek il-għira.

Tgħidx dik il-ħajja isbaħ minn ta' żmienek,
għax tgħaġġeb san-natura bi sbuħitha.
"Jien għixtha kmieni" tgħidli; hekk għada bintek
tgħidilna fi xjuħitha.

*

Meta tixjieħ u tqalleb dan il-ktejjeb,
fitttex il-hena u l-għaxqa ta' torbitek,
għidli kemm isbaħ ħajja ta' tarbija
minn ħajja ta' xbubitek!

Il-lum li jiena xjeħt għadni niftakar
hawnhekk il-wiċċ ta' meta kont tarbija,
b'għajnejk tkellimni u b'fommok tidħakhieli
bid-daħka ta' bla ħtija.

Il-lum li xebba sirt jien għadni nara
dik id-daħka ta' fommok ta' tarbija.
Int żommha fuq xofftejk bla ma ddennisha
bid-dwejjaq tax-xjuħija.

U meta tixjieħ bħali u b'għajn imbexxqa
tarak li qdimt għal din id-dinja ġdida,
tgħid qatt li biż-żmien qdimt għax ġejt hekk kmieni
li qalbek hi marida.

Meta fil-waħx tal-frugħa ta' dil-ħajja
tħoss ġewwa qalbek tax-xjuħija bħal għafja,
ftakar fi żmien tfulitek dik il-hena
li għadek tħossha safja.



(Bil-kortesija tat-"Times of Malta")

**Ritratt meħud dak in-nhar tal-konferiment tad-Dottorat tal-Letteratura (Hon. Causa) lis-Sur Nin Cremona.** (Mil-lemin għax-xellug) **is-Sur L.M. Pace, B.Sc. (Econ.) Lond., Reġistratur; Prof. Dr. Ċ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.); Prof. J. A. Manche, M.D., Rettur u Viċi-Kanċellier; Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.); Prof. Mons. E. Coleiro, D.D., Ph.D., J.C.B., B.A.**

# NINU CREMONA

*Ta'* Ġużè' Galea

MIN ma jafux lil Ninu Cremona? Raġel qsajjar, dħuli, bieżel, fuq ruħu u ferrieħi, għaref bla ma hu mkabbar, studjuż bla ma hu mitluf wara l-kotba, surmast bla ma hu merfugħ ma l-istudenti; ħabib tal-qalb, dejjem imħejji jmidd idejh biex jaqdi lill-ħbieb.

Is-Sur Nin jingħaraf fost qabda nies; il-mixja tiegħu, daqqa mgħaġġla u oħra le, tissieħeb mal-ħsibijiet li dlonk għaddejjin minn moħħu; ġismu mxengel kemmxejn 'il quddiem donnu jrid iħaffef jasal qabel ir-riġlejn, idejh traku jferfru donnhom biex iġorru l-kliem li joħroġ minn fommu u jsammruhom sewwa f'ras min jisimgħu, rasu mmejla donnha ma trid titlef xejn minn dak li jiġri ma' dwarha.

Dik ras is-Sur Nin qisha kienet imnaqqxa fuq xi xbieha tar-rħam ta' għorrief Griegi tal-qedem, ngħidu aħna Senofonte, Euripide jew Omero. Hi ras li tolqtok, li ġġagħlek tħares lejha u terġa'. Mhux id-dawra sħiħa tagħha, mhux it-tagħmira xagħar abjad u sfieq, mhux il-mustaċċi mqaċċtin qosra ħajjin u ħarkiena maċċaqliq bla heda tax-xoffa mimlija, imma l-għajnejn huma dawk li jaħkmu lil min jaqa' taħt il-ħarsa tagħhom: għajnejn jibbru ħajjin u henjin, għalkemm imdellin minn ħuġbejn mimlija, jarmu dija qisha xrara mkebbsa mid-dehen tal-moħħ.

Il-kisra tal-għajnejn, il-għamla tal-ġbin, il-milja tal-ħaddejn, iċ-ċaqliqa tax-xofftejn, it-tbissima tal-fomm, il-kisra fil-qosor ta' l-imnieħer, ilkoll flimkien inisslu dik il-bixra ta' dehen u dħulija li jsawwru l-personalità ta' Ninu Cremona.

Is-Sur Cremona l-lum mhux żgħir iżda moħħu għadu ċar, qalbu għadha mħeġġa, ir-rieda tiegħu għadha qawwija, ħsiebu għadu mxiegħel fix-xogħol li dlonk jindaħal għalih bil-ħrara taż-żgħożija... u l-pinna tiegħu għadha sejra tikteb bla heda. Hu bniedem li matul il-medda tas-snin litaqa' ma' bosta tiġrib u tgħallem tajjeb xi trodd il-ħajja, hu jħobb jitkellem fuq it-twegħir li sab ruħu fih imma jħobb ukoll isemmi dwar il-ftietaq henjin u l-praspar li ltaqa' magħhom; xi drabi mhux biss isemmi imma jtenni u jtellet fuq l-istesss ħaġa jew tant isib xi jgħid li jitbiegħed

mis-suġġett. Qalb ġabra nies ma jibqax ma jgħidx xi ħaġa u min jinzerta jkun miegħu ma jiddejjaqx bil--ħemda jew is-skiet. Mhux widnejh hu daqsxejn dgħajjef, imma lsienu għadu jaqta' daqs tellerita.

Fuq kollox Ninu għandu qalbu tajba u għalkemm mhux berbieqi ma jibqax lura meta tinħtieġ xi għajnuna lil għajru, lill-ħbieb iżommhom b'għożża kbira, dlonk jaqbeż għalihom u dejjem imhejji biex jgħidilhom kelma għall-ġid, jifthilhom għajnejhom jew ibeġġlihom n-nuqqasijiet tagħhom.

Is-Sur Nin igawdi l-qima u l-ħbiberija tal-kotra, hu jitħallat bil-ħeffa mal-kbarat u mal-baxxi u jaf imur mal-wieħed u ma' l-ieħor, qatt ma ntefaħ bih innifsu jew inqata' mill-fqir. Kellu x'jaqsam mal-għorrief magħrufin mad-dinja kollha, mal-mexxejja tal-pajjiż, mal-kapijiet tal-Knisja, man-nies tat-tajjeb, tal-kummerċ u ma' dawk ta' l-Università, saħansitra kiseb il-ġieħ u t-titlu ta' Duttur, iżda qatt ma tilef dik ix-xejra ta' ħbiberija u dik il-għada tad-dħulija li jagħżluh għalih innifsu. Ħbiberija u dħulija huma żewġ għotjiet mill-iżjed għeżież, li jagħnu l-bniedem, imma meta huma jkunu mseħbin mad-dehen u l-ħeġġa, dak il-bniedem jisseddaq fil-ħarsa tal-Mulej.



(Bil-kortesija tat-"Times of Malta")

**W.R. Mons. Prof. E. Coleiro, D.D., Ph.D., J.C.B., B.A., qed jaqra fl-Aula Magna ta' l-Università diskors bil-Latin nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju, 1960, meta ngħata d-Dottorat tal-Letteratura (Honoris Causa) lis-Sur Nin Cremona.**

# TMENIN!

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

*Lil ħabibi Ninu Cremona.*

Ħabib, kemm ġid u ħidma,
kemm kitba tul is-snin,
kemm tlugħ w inżul fil-ħajja
mal-medda ta' tmenin!

Int rajt il-Malti mkażbar,
rajtu fit-tajn mitfugħ,
u ħdimt biex rajtu, wara,
fuq pedestall merfugħ.

Tajtu l-fwieħa tal-ġonna
bir-rand u bir-riħan,
u meta rajtu sbejjaħ
ħassejt ruħek ferħan.

Maż-żmien il-ħbieb bdew jaqgħu
qishom weraq mar-riħ,
u ġew ħbieb oħra, iżgħar,
demm ġdid, qalil u sħiħ.

Int rajt miktuba f'qalbhom,
niedja bid-dmugħ tal-hemm,
l-imħabba għall-Lsien Malti,
ħamra b'ittri tad-demm.

U t-triq it-tajba wrejthom
fejn hemm tal-għerf id-dwal;
kont int li nissilt f'qalbhom
il-ġmiel ta' l-ideal.

Ħabib, daqqa t'għajn lura
turik matul is-snin
kemm ġid wettaqt fil-ħajja
mal-medda ta' tmenin!

14. 5. 60.

## IL-KUNSILL TAL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI



**Fl-1922.** (Wara) **Ċ. Micallef, R. Cachia, A.M. Borg, F.S. Caruana, Ċ. Micallef Goggi P.P.** (Quddiem) **Ċ. Darmanin Demajo P.L., Mons. Dun K. Psaila, D.Lit. (Hons.), Kav. Ċ. Muscat Azzopardi, B.M., P.E.P., P.L., Ċ. Vassallo, Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.).**



**Fl-1944.** (Wara) **Ċ. Ellul Mercer, Bro. Amedy, Ċ. Cassar Pullicino, G. Zarb Adami, Dun F. Camilleri, Rev. P. A. Born, O.P., K. Vassallo.** (Quddiem) **V. Apap (Teżorier), Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.) (Viċi-President), Prof. Ċ. Galea, M.D., M.B.E., (President), Ġużè Chetcuti (Segretarju), Rev. Prof. P.P. Tabone, O.F.M.**

(Ritratti: bil-kortesija ta' "It-Torċa")

# LIL NINU CREMONA

*Ta'* Rużar Briffa

Rajtek il-għolja titla' bit-tbatija
Il-għolja tal-għollieq
U tal-ħorrieq;
U drabi kont felħan,
U drabi bla serħan,
'Ma l-lehma waħda biss
Li ras il-għolja tmiss.

Il-lum 'il fuq wasalt...
Mhux iżjed il-għollieq,
Mhux iżjed il-ħorrieq,
Il-lum il-ferħ
W is-serħ.

Twarrad madwarek
Tgħammex 'l għajnejn il-lum
Xemx is-sbuħija,
W issaħħan demmek
Fix-xjuħija
Li tisboq
Ta' ħaddieħor
Iż-żgħożija.

7. 6. 60

**NINU CREMONA hu figura mill-iżjed importanti u interessanti fl-istorja ta' Isienna. Id-dawl li kebbes hu fil-letteratura Maltija jibqa' jixgħel matul iż-żmien fil-qalb kbira taż-żgħażagħ.**

**ĠUŻÈ CHETCUTI**

# IS-SUR NIN CREMONA

## POETA, FILOLGU, FOLKLORISTA

## U GRAMMATIKU

## F'GHELUQ IT-80 SENA TIEGHU

*Ta'* KARMENU VASSALLO

*Integer vitae, scelerisque purus,*
u għażeb bħal min għanna f'ġiehu dan,
irżin fil-ħsieb u l-kitba
tfuħ bħar-rand u r-riħan;

għannej il-bdiewa ta' żmien ilu, meta
Malta mirhuna ssallbet biex infdiet;
mgħallem mill-kbar ta' Lsienna
li bih Artna stagħniet;

Ninu Cremona, li fuq ġbinu l-bewsa
ta' Mejju tmenin darba ħass tistrieħ,
jibqa' żagħżugħ għax sninu
m'humiex weraq mar-riħ.

Għażiż u safi jibqa' jdoqq f'widnejja
leħen min għanna ta' din l-Art is-sebħ
midmum ma' qdumijietha,
maħsul bid-demm tar-rebħ.

Għażiż u mbierek ikunilna dejjem
min sħiħ ħadem għall-Malti u raddlu ġid;
min lil Mikiel Vassalli
tah il-ħajja mill-ġdid.

Bħar-ruħ li ma tixjieħx u lanqas togħkos
hi qalb il-*ftit* mill-kotra *magħżulin*,
fosthom Ninu Cremona
li l-lum jagħlaq tmenin.

Matul dil-mixja twila twila t'għomru,
hu ra ħġejjeġ bla għadd jaqbdu u jintfew;
ra ħafna qlub jinħarqu
b'nirienhom u jinħlew.

Imm'huwa ma nħaraqx u anqas ma nħela.
Ħili u qalbieni, rebaħ kull tfixkil.
Għadu tal-Għajb u d-Dnewwa,
taħt l-ebda riħ ma jmil.

Miblugħ u mnixxef bil-Progress tax-Xjenza,
bil-ħafna oqmra mill-art mibżuqa 'l fuq,
bil-*jets* u l-*guided missiles* —
l-iġded għodod fis-suq;

imreżżaħ b'qabda *Teddy-boys* u ksuħa
ta' bniet bil-*jeans* u prieper lewn il-qroll,
bid-daqq tal-*jazz* imtarrax
u l-qbiż tar-*rock 'n' roll;*

qadim u ġdid, midħla tal-lum u l-bieraħ
(għalkemm jara w-iħoss bil-kbir fl-irqiq),
ma jfixklu xejn, u jibqa'
għaddej għal għonq it-triq;

għaddej imaħħaħ fuq tfulitu, meta
waqtiet xi Zeppelin bil-gass minfuħ
kien jidher jaqsam l-ajru,
u jħares lejh miblugħ

kulħadd — in-nisa b'dawk id-dbielet tkarkar
ma' l-art, l-irġiel bil-qliezet tal-fustan,
it-tfal ħafjin, bla skola —
min kiebi, min ferħan.

Kollox tbiddel il-lum! Tbiddlu drawwietna.
Il-faqar naqas, waqt li l-biża' żdied.
Ir-radju u t-*television*
daħlu fi rħula u bliet.

Dan kollu rah Ninu Cremona u ġarrbu.
X'għad jara aktar tul ħajtu ma nafux.
J'Alla għomru jżid joktorlu,
u saħħtu ma tonqsux!

Ikun x'ikun, dan l-iben kbir ta' Malta
mhux ser isib tmiem ħajtu fit-tebut;
leħnu jibqa' fi Lsienna,
ismu m'Artna marbut!

B'danakollu l-lum, b'xhieda ta' għożża u qima,
għax tabilħaqq inħoss li hemm għalfejn,
għarkubbtejja quddiemu,
inbuslu idejh it-tnejn.

4. v. 60

# GHADNI NIFTAKAR...

*Ta'* GINO MUSCAT AZZOPARDI

MA kellix aktar minn tmintax-il sena. Kont inkun nikteb maġenb il-mejda ta' missieri.

Ras ma' ras miegħu kont ta' sikwit nara raġel fuq it-tletin biċċa sewwa, x'aktarx qsajjar, mimli sabiħ, xagħru safrani.

Darba ġietni l-kurżità u, wara li ħareġ, f'xi d-disgħa ta' fil-għaxija, staqsejt lil missieri: "Pà, milli jidher dan klijent tajjeb... X'għamel?"

U missieri, bil-leħen twajjeb u għalliemi li qatt ma ninsa: "Dak mhux klijent! Ma qabbadni niddefendih f'ebda kawża. Dak *ħabib* tiegħi għaliex huwa *ħabib* kbir ta' l-*Ilsien Malti*... La inti, bħali, tħobb *il-Malti*, 'il quddiem għad issir ħabib tiegħu wkoll."

U f'dak il-jum imbiegħed smajt l-ewwel darba f'widnejja l-isem ta' NINU CREMONA.

# LI KIEKU MA KIENX...

*Ta'* Karmenu Ellul Galea

*Lil Ninu Cremona, li mill-1912*
*'l hawn intafa' b'ruħu u b'ġismu*
*biex igħin, jorqom u jmexxi 'l*
*quddiem l-Ilsien Malti.*

Qisu l-bieraħ x'ħin kont waħdi
Miexi naqsam ġmiel il-bur ,
Bejn blatiet bi ftit ħamrija,
B'ġiżi jfuħu jew b'ħafur.

F'nofs, madwar, minn tarf għall-ieħor
F'din l-oasi tal-widien
Ward selvaġġ flimkien mal-ħdura.
Ifarrġuk b'żifnet l-ilwien.

Hemm... fuq roqgħa nsterqet ħarsti,
F'roqgħa niexfa bl-ebda kenn
Nilmaħ xitla ċkejkna u dgħajfa
Għal suritha ħadd ma jħenn.

Għalkemm tgħaddi n-nies u tħares
Iżda lejha ftit xejn tmur ;
Żmien mitluf min jersaq ħdejha,
X'tiswa — jgħidu — la m'hemmx fjur !

Jien għal bosta żmien hemm rajtha.
Xtaqt li ngħin... ma kontx naf kif...
Il-Mulej żgur laqa' talbi
Ha jħarisha mit-tiġrif.

Fl-aħħar resaq żagħżugħ qsajjar
Jgħodd sentejn fuq it-tletin ;
Sammar ħarstu, ġabar għaqlu,
Stħajlu sab xi ġawhar fin.

Hekk Mulej, serraħt ftit ħsiebi,
Bsart li x-xitla tieħu r-ruħ ;
Ma stennejtx għajr ġid u mħabba
Minn ħabib fil-hemm u d-dmugħ.

* * *

Għadda ż-żmien... erġajt fi triqti
Għall-wesgħat u djul il-bur
F'dik ir-roqgħa flok art niexfa
Sibt is-siġra bl-inwar tfur.

Kif inbidlet... kemm qed tħaddar
Kull ma tmur titqal bil-ward,
U b'għeruqha timxi, sserrep
Sa tistrieħ fil-ġuf ta' l-art.

B'fomm il-friegħi nistħajjilha
Tbus ħaddejn, ġmiel is-smewwiet,
U bil-weraq kbir ħadrani
Tgħix id f'id maż-żminijiet.

Kemm qlub safja tawha mħabbthom
Biex għoliet, ġiet 'il quddiem!
Kemm żebliħ, tbatija u ħidma
Biex il-lum qed tgħix fis-sliem!

Din hi x-xitla li lmaħt darba
F'roqgħa trab bla ħajr jew ġmiel,
Mingħajr kenn, bil-għatx w għajjiena
U maħkuma mir-rjieħ qliel.

Għadda kważi daqs nofs seklu
Mindu xegħel ħsieb daż-żagħżugħ
W il-frott bnin ta' din is-siġra
Il-lum sew qed integħmuh.

X'kien isir minn dik ix-xitla
Li ma kienx il-ħsieb utieq
Taż-żagħżugħ li nnamra magħha
Waqt li kien għaddej mit-triq?!!

Kieku tmantret... forsi dbielet...
Mhix b'saħħitha bħal m'hi l-lum,
U m'għandhiex kenniet dellija,
Lanqas frott u ġmiel meqjum.

* * *

Qalbi w ħsiebi t-tnejn jgħidul:
Li bħax-xitla sab xortih
L-Ilsien Malti sew kif Ninu
Għaqlu u saħħtu beda jtih!

27 ta' Mejju, 1960.



Is-sena 1960. It-Tliet Eżaminaturi, Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.), Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), u Prof. Chev. Ġ. Galea, M.D., M.B.E., waqt li qed jaraw il-karti tal-Malti tal-Matrikola.

# KIF NARAH JIEN

*Ta'* G. Zarb Adami

RAĠEL qsajjar, la rqiq u lanqas oħxon; wiċċu, għalkemm ftit tawwali, iżda b'fattizzi regulari, smajjar, imlewwen fl-aħmar; ħaddejh friski b'leħħa bajdanija ta' leħja għadha tisponta; ħuġbejh folti aktar griżi mix-xagħar imġiegħed bajdani, mifruq fil-ġenb tax-xellug li jgħattilu sewwa l-qorriegħa; għonqu mdaħħal f'kiftejh jagħtih bixra ta' wieħed kemm kemm imħatteb, xejra li jista' jkun ġejja mis-sigħat twal li għadda u għadu jgħaddi fuq il-mejda tal-kitba medhi jaqra u jqalleb il-kotba u l-karti, iħewden u jikteb; għajnejn ħajja, imma ħosbenin, kull tant jibru f'mistoqsija billi s-smigħ beda jonqos; tqaħqiħa xotta, mill-gerżuma, li dan l-aħħar saret tittantah ta' sikwit, tikxfu kull fejn ikun. F'żgħożitu ma setax ma kienx raġel sbejjaħ għax fi xjuħitu għadu jogħġob. Sninu għadu jġibhom tajjeb ħafna, u minn xejn ma jaqta' qalbu, Alla jbierku!

Ġej minn waħda mill-aħjar familji ta' Għawdex, wild nies li għexu bix-xogħol tal-moħħ u tal-pinna; missieru kien nutar u qrabatu Isqfijiet u mħallfin; huwa kellu jitgħabba bil-piż tal-familja meta bil-kemm kien laħaq is-snin ta' l-irġulija — piż li baqa' jerfa' għal snin kbar, u li forsi għadu ma farfrux għal kollox. Min jaf hix din waħda mir-raġunijiet li baqa' għażeb, irid jieħu ħsieb tal-ħtiġijiet tiegħu kollha?

Ta' natural ferrieħi li jidher l-aktar meta jilqgħek f'daru, għax żgur joffrilek mill-jkollu — dejjem xi ħaġa li jaf jew li jaħseb li inti tħobb — huwa xi ftit ukoll ferħan bih innifsu u b'dak li rnexxielu jagħmel matul ħajtu; u dan bir-raġun kollu għaliex għandu tassew biex jiftaħar.

Mit-tmenin sena li għandu qatta' wisq aktar minn nofshom jaħdem għall-Ilsien Malti sew permezz ta' kitba bil-Malti jew b'ilsna oħra, kif ukoll f'taħbit ieħor sabiex jarah jirbaħ u jieħu l-post li ħaqqu fil-ħajja tagħna l-Maltin. Jista' wieħed igħid li l-Ilsien Malti huwa n-nifs ta' ħajtu, għaliex ma tiltaqax darba miegħu li ma jibdiex ikellmek fuq il-Malti jew fuq xi ħaġa li għandha x'taqsam miegħu — imma l-ħerqa tiegħu tidher l-aktar jekk il-kliem jaqa' fuq il-GĦAQDA tal-KITTIEBA tal-MALTI

(huwa kien wieħed minn dawk li waqqfuha u żammewha ħajja), fuq il-ħidmiet li għamlet u li għadha qed tagħmel għall-Malti u l-kitba Maltija; għax din ix-xirka ta' ħbieb hija għalih egħżeż mill-mimmi ta' għajnejh, għalkemm tiswielu ħafna żmien u xogħol, għax ma hemmx ħaġa li tolqot lill-Għaqda li huwa ma jidħolx għaliha, ukoll meta ħaddieħor iwarrabha jew jistmerrha... u fuq kollox huwa dan jagħmlu bil-qalb.

Kittieb prolifiku f'fergħat differenti tal-qasam letterarju — tana drammi qawwija, stejjer u novelli mimlijin spirtu romantiku u studji filoloġiċi, kritiċi, folkloristiċi, storiċi (li swewlu bosta sigħat ta' tfittix bir-reqqa), kif ukoll versi sbieħ fejn il-leħma poetika mdawwla u mlewwna mill-ġrajjiet ta' ħajtu u mill-ġmilijiet tan-natura ta' madwaru tieħu titjira lirika, ħafna drabi fuqanija, iżda dejjem profana jew għal kollox umana, saħansitra meta f'idejn ħaddieħor l-istess suġġett kien żgur jieħu tifsira kważi reliġjuża għal kollox.

Imma jien inħoss, u bħali żgur iħossu ħafna, li l-akbar mertu tiegħu huwa l-istudju profond li għamel fuq il-lingwa tagħna; għaliex tagħha mhux biss kixef ħafna mill-għeruq, imma flieha fil-friegħi tagħha kollha u tkixxef ssa fuq l-inqas rimja; wara, għaraf ifisser dak li kien tgħallem fil-monumentali "Tagħlim fuq il-Kitba Maltija" li l-lum huwa s-sies sħiħ ta' kull kitba Maltija. Jista' jiġi żmien meta kull ma dan il-bniedem għamel u ħadem jintesa jew jibqa' magħruf biss minn ftit studjużi, iżda ismu jibqa' ħaj għaliex jibqa' dejjem marbut ma' l-istudji grammatikali ta' lsienna, isiru meta jsiru u minn min isiru. Forsi jkun hawn min isostni li dan it-tifħir jistħoqq l-aktar lill-Għaqda; jien ma rridx inċekken sehem dawk l-oħrajn li ħadmu f'dak il-kamp, iżda rrid ngħid li kienu d-dehen, il-ħerqa u l-imħabba ta' dan il-bniedem ġwejjed kif ukoll ir-rieda tiegħu ta' l-azzar li bihom inqdiet l-Għaqda tagħna biex waslet fl-iskop li għalih kienet twaqqfet. Tassew ukoll li hemm għadd żgħir ta' nies li qablu għamlu studju tal-grammatka Maltija — bħal Mikiel Anton Vassalli, biex insemmu wieħed minnhom, u li kien dak li fetaħ it-triq ta' dan l-istudju — imma min minnhom mexa 'l quddiem daqsu u għaraf ifassal grammatka (ortografija, morfoloġija u sintassi) komprensiva daqs tiegħu? Hemm ukoll min forsi bena x-xogħol tiegħu f'din il-fergħa ta' tfittix fuq sistema aktar xjentifiku, għalkemm x'aktarx inqas prattiku, imma kif inhu magħ-

ruf, kien l-istudju ta' l-awtur tagħna li serva ta' s es żonqri fuqiex seta' jitla' dan il-bini.

Għal dan ix-xogħol biss dan il-bniedem jistħoqqlu l-akbar ġieh. Niżżu ħajr 'l Alla, matul ħajtu stess beda jara l-ħidma tiegħu milqugħa b'għożża minn dawk il-Maltin li għandhom għal qalbhom il-ġid ta' art twelidhom; il-Gvern laqa' l-ortografija tal-Għaqda u għamilha tiegħu; l-istudju tal-Malti daħal fl-iskejjel kollha; il-kitba kollha bil-Malti qiegħda ssir fuq l-istess sistema ta' alfabett. B'turija ta' għożża, il-midalja "Ġużè Muscat Azzopardi" tiddekora s-sider ta' dan il-qalbieni studjus, u ftit jiem ilu l-Università Rjali ta' Malta bdiet tgħoddu wieħed minn uliedha meta b'ġieh għaliha aktar milli għalih tatu d-Dottorat tal-Letteratura — honoris causa — biex b'hekk tgħarraf lil kulħadd kemm għandha għal qalbha l-ħila ta' dan bin Malta.

Huwa tassew xieraq li lil dan il-bniedem jingħata ġieh hekk għoli għaliex huwa ma qatax qalbu mit-tfixkil, mit-tilwim, miż-żeblih u, biex ngħid hekk, mill-moħqrija wkoll, li huwa dejjem laqa' bi tbissima jekk mhux fuq wiċċu imma f'qalbu għaliex baqa' dejjem miexi 'l quddiem lejn l-iskop tiegħu.

Imma, ngħid għalija, għalkemm ma nistax bħal ħaddieħor ma ngħożżx il-merti ta' dan il-bniedem, nifraħ miegħu għal dak li rnexxielu jagħmel u nithenna meta nara li ħuti Maltin fetħu għajnejhom u weġġħu lil min jistħoqqlu, b'danakollu, ir-rispett tiegħi lejh kien jonqos qatigħ kieku huwa ma kienx fuq kollox u qabel kollox ġentlom tassew. Li huwa *sinjur* fil-veru sens tal-kelma tixhdu mhux biss l-imġiba tiegħu ta' kuljum ma' ħbiebu, iżda narawh mill-mod kif dejjem ġieb ruħu ma' dawk li, imqanqla mill-għira, jew ħtija t-taqbida politika li tagħha l-Ilsien Malti kien għal bosta snin il-vittma, għajruh u ppruvaw iċekknuh jew iżebilħu dak li l-aktar kien iħobb. Dak iż-żmien huwa forsi beka d-demm, iżda wara, b'imġibtu, huwa ġiegħel lil dawn it-talin jidħlu fihom infushom, jibdlu l-fehma tagħhom u jfittxu l-ħbiberija tiegħu jew għallinqas l-għajnuna tiegħu li huwa ma jaf jiċħad lil ħadd.

Dan huwa li jiġini quddiem għajnejja meta niftakar, insemmi jew nitkellem fuq NINU CREMONA.

# LIS-SUR NIN CREMONA

## GRAMMATKU, POETA, FILOLGU U PROŻATUR

## F'GHELUQ IT-80 SENA MINN TWELIDU

## 27 TA' MEJJU, 1880-1960

*Ta'* Ġużè' Cardona

Għaddew tmenin,

Sur Nin,
Tmenin-il xitwa u sajf gerbu bħal ħolma,
Minn fuq iz-zokk ta' ħajtek kollha ħidma,
U għadek tħaddar bħal ballut feħani,
Rebbieħ, mhux darba, fuq l-irjieħ u n-nixfa.

Għaddew is-snin,

Sur Nin,
Minn mindu ħlejqa, l-għaxqa ta' min nisslek,
Rajt l-ewwel dawl tax-xemx fir-Rabat t'Għawdex.
Erbat ijiem minn tmiem ix-xaħ'r tal-fjuri.

Hadd dak il-ħin,

Sur Nin,
Ma basar seħ'm dil-ħlejqa b'risq ilsienna,
Ilsien bla ħajr u dgħajjef fi twelidek,
Li kiber miegħek fuq sisien qawwija,
Għax int sawwart għall-ġieħ ta' l-Art Maltija.

Għoddhom ħamsin,

Sur Nin,
Is-snin mill-kitba fil-"Habbar" bikrija
Li ħeġġek tikteb min kiteb "Susanna";
Minn meta x-xefaq tal-grammatka tberraħ
Bil-qari tal-"Muftieħ", xogħol ta' Vassallo.

Għaddew is-snin,
Sur Nin,
Snin kollha ħidma bla waqfien u ħeġġa
Li rawk issaħħaħ kull qasam ta' Lsienna
Hekk li tissejjaħ Grammatku, Poeta,
Bjografu, Prożatur u Drammaturgu,
Waħda mit-tliet kolonni kbar tal-Malti.

Is-sliem, ir-risq, il-ġid u għomor twil
Nixtieqlek jien mal-għadd kbir tal-Maltin
Il-lum wisq aktar għax għalaqt tmenin;
Xwejjaħ xejn kburi, ħabibi, Sur Nin.

6 ta' Mejju, 1960.

# XBIEHA BIL-KITBA

*Ta'* N. BIANCARDI

F'*IL-BERQA* tas-17 ta' Ottubru, 1938, Nikol Biancardi kien xandar tliet sunetti bl-isem: "It-Trijumvirat tal-Malti — Xbihat bil-kitba". Minn dawn is-Sunetti Satiriċi se nisiltu t-tielet wieħed:

Ftit jafu li hu Għawdxi. Imbaċċaċ. Qsajjar.
Grammatku minn l-aħjar. Filologu kbir.
Jaħdem mal-Gvern. Biex jogħla għadu mħajjar.
Ħabb lil Vassalli; ta' ġrajjietu lsir.

Demmu ftit spont. Xi waħda żgħira jfajjar.
Għall-Malti sewa d-deh'b. Iħobb il-fqir.
*Feda lill-Bdiewa. Weraq mar-riħ tajjar.*
Fil-proża u l-versi lanqas m'hu mill-ħmir.

Ma jafda 'l ħadd. Ibati bir-riħ pruwa.
Il-lum igħaddi bla ma biss isellem;
l-għada jarak; jidħaklek! Tgħid: "Dan huwa? . . . "

Jimxi bil-qabża. M'għandux kwiet ġo ġismu.
Ħares 'l hemm u 'l hawn qabel jitkellem.
Irid ifiehem bil-*X'jgħidulu* u 'l *X'jismu*.

# NINU CREMONA

*Ta'* Ivo Muscat Azzopardi

MIN ma jafux? Ninu matul ħajtu kollha ħadem għal Malta, għall-Maltin u għall-Ilsien Malti. Wettaq dak li ħafna jiċħdu: jiġifieri li biex tintefa' għall-istudju ta' l-Ilsien Malti ma hemmx għal fejn iġġenneb Ilsna oħra. Barra mill-Ilsien Malti dejjem ikkoltiva t-Taljan u l-Ingliż u Ilsna oħra fosthom l-Ilsna Semitiċi.

Fostna l-Maltin, għajb għalina, ma nafx il-għala, hawn bosta li jafu tajjeb l-Ilsna barranin u jiċħdu Lsien Art Twelidna għax... għax il-Malti ma hu ta' ebda ħtieġa għall-għajxien. Imma lil dawn jiena ngħidilhom bl-akbar qawwa u saħħa li ebda studjuż ta' l-Ilsien Malti ma qatt xeħet taħt is-saqajn l-Ilsna barranin, għax aħna l-Istudjużi ta' l-Ilsien Malti nies sinċieri u patrijotti u ma naħsbux fl-ikel tal-ġisem biss.

Ninu Cremona: Min ma jafux? Mindu daħal f'Malta t-tagħlim ta' bilfors u marbut miegħu l-istudju ta' Lsienna, Ninu sar magħruf f'kull familja ta' Malta għax kull familja għandha lil xi ħadd li jmur l-iskola u fl-iskejjel tagħna l-Grammatka ta' Ninu Cremona hija *sine qua non* il-ħobżna ta' kull jum. Mela t-tfal kollha Maltin jafu lil Ninu Cremona, jekk mhux persunalment, bħala grammatiku. Imma Ninu Cremona huwa xi ħaġa wisq iżjed minn grammatiku.

Għandi xi 14-il ktieb tiegħu; fosthom iċ-ċkejknin u oħrajn ta' studju interessanti ferm, li jittrattaw fuq id-drama, novelli, poeżiji, folklore, storja, biografija, u fost kollox, kif diġà għidt, il-grammatka.

U naħseb li fuq dawn il-ħafna suġġetti Ninu Cremona ser ikollu min jaqdih wisq aktar u aħjar milli nista' naqdih jien.

Imma ta' Ninu Cremona jien irrid infakkar ir-rabtiet li kellu ma', Alla jaħfirlu, missieri. Ninu mexa fuq il-passi ta' Ġużè Muscat Azzopardi għax kien hu li ħajru jikteb bil-Malti xi ħamsin sena ilu u baqa' jaħdem id f'id miegħu sakemm ix-xiħ għalaq għajnejh għal dejjem fl-1927. U kien sewwa sew wara għoxrin

sena ta' mewtu, jiġifieri fl-1947, li bl-akbar ferħa Ninu ra titwaħħal fuq sidru l-midalja li ġġib isem il-ħabib kbir tiegħu: Ġużè.

Jien x'se nibda ngħid ġdid fuq Ninu? Din ħaġa wisq tqila u għalhekk se jkolli mmiss korda ta' l-*arpa letterarja* li tinsab, fil-bidu tal-karriera tiegħu u li forsi hemm bosta li ma jafux biha! Jien għaraft lil Ninu xi ħamsin sena ilu, aktarx qabel ma missieri ħajru jibda jikteb bil-Malti. Fejn għaraftu u kif għaraftu? Għaraftu taħt il-bixra li ftit għarfuh fiha.

Ninu Cremona, barra minn dawk id-doni li semmejtilkom fil-bidu ta' dawn il-kelmtejn, kellu don ieħor, wisq għal qalbu u li wara bosta u bosta snin, sfoga fih meta għanna "Il-Fidwa tal-Bdiewa": Il-palk Malti.

Ninu Cremona, għal min ma jafx, kien dilettant tal-palk Malti u kien dilettant mill-aħjar u meta jien kellj xi 16-il sena, fit-Teatru tal-kampanja, jismu "Il Secolo", li kien jinsab fi Triq Birkirkara, f'San Ġiljan, in-naħa ta' fuq, kienu jsiru reċti mill-aħjar minn dilettanti ta' polz. Jien ukoll, bħala żagħżugħ, doqt il-benna tar-ribalta Maltija li magħha għadni marbut sal-lum, għalkemm għaddew ħamsin sena sħaħ.

Fuq dik ir-ribalta tat-Teatrin "Il Secolo" għaraft raġel ta' xi tletin sena li fost l-interpretazzjonijiet tiegħu kellu wisq għal qalbu l-parti ta' Shylock fil-"Merchnat of Venice" ta' Shakespeare.

Dak ir-raġel kien Ninu Cremona u dik is-sena kienet bejn wieħed u ieħor l-1910. Ammirajtu, bqajt niftakru u wara bosta u bosta snin sirt ħabib tiegħu u hekk għadni sal-lum. Fl-1921 kont ninsab f'Lixandra, u missieri bagħatli proġett kif il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, marbuta minn Franġisk Saver Caruana, kien bi ħsiebha ssejjes l-Alfabett il-ġdid ta' l-Ilsien Malti li fih Ninu Cremona kien l-id il-leminija. U malli ħarġet il-grammatka jien kont minn ta' l-ewwel li studjajtha u tgħallimtha, avolja kont ninsab elf mil 'il bogħod minn Malta. U issa se nagħlaq dawn il-kelmtejn hekk: Jiena nammira l-ħeġġa, ħerqa u sabar li għandu għal kollox Ninu Cremona imma l-aktar l-imħabba għal Art Twelidna.

# TIFKIRIET

*Ta'* ANTON AGIUS-MUSCAT

BEJNU u bejni jgħaddu iżjed minn ħamsin sena—nofs seklu! Domna ftit sa ma għarafna lil xulxin, iżda meta fhimna li bejnietna hemm biss is-snin, tħabbejna.

Ingħid is-sew, għall-ewwel iddarrast kemmxejn bix-xogħol il-kbir tiegħu, "Tagħliim fuq il-kitba Maltija". Hadd ma għandu jlumni u lanqas ma kien jaħti hu. Liema student joqgħod iqalleb bil-qalb il-grammatika ta' xi lsien jew jinżlulu ħelwin is-sigħat li jagħmel rasu mgħaddsa fuq il-ktieb tal-grammatka?

B'danakollu, minkejja fija nnifsi, għaddiet minn moħħi x'sigħat ta' xogħol irqiq u xi snin ta' sabar swew u lill-awtur dawk il-paġni ta' regoli, tifsiliet ta' tifsiriet u l-bqija. Wara kollox, kellu jaħdem f'art ftit jew wisq verġni għax kien meħtieġ li titwaqqaf ortografija waħda. Ix-xogħol li ta Ninu Cremona f'dan il-qasam sewa u għadu jiswa mitqlu deheb.

Għalkemm stqarrejt li bħala student il-Liċeo ftit li xejn niżlitli għasel il-grammatika tiegħu, iżda meta, dwar ħames snin ilu, f'ħanut il-belt, waqt li kont qed inqalleb qalb ħafna kotba, sibt ix-xogħol tiegħu, "A Mannual of Maltese Orthography and Grammar" (1929), u miegħu "Grammatika u Ortografija tal-Malti fil-Qosor" (1932), ta' F.S. Caruana, sthajjiltni bħalli-kieku sibt id-deheb.

Waqt li qgħadt inqalleb daqqa l-wieħed u daqqa l-ieħor, u nqalleb xi nkiteb dak iż-żmien ma' dak li nkiteb wara, bħal fhimt x'baħar ta' xogħol is-snin kienu qed igħożżu f'ħobbhom.

U meta jinqalagħli xi għakkux f'xi kelma jew tnejn, għalija hi ħaġa ta' ftit xkiel inqalleb fil-grammatika li ġġib l-isem, "Tagħlim fuq il-Kitba Maltija", u nsib dak li neħtieġ, iżda fis-sew is-Sur Nin biss jista' jaf kemm taħbil ir-ras swielu dak ix-xogħol.

Il-grammatika ma kenitx il-ħolqa waħdanija bejnu u bejni.

Għad-dell ta' xtieli fil-bitħa tad-dar, miġbur fija nnifsi, mistrieħ bil-qiegħda fuq siġġu, imxaħxaħ mill-benna tas-sħana fietla tar-rebbiegħa, għaddejt is-sigħat b'"Ward u Riħan" u "Il-Fidwa tal-Bdiewa" f'idejja, inqalleb fihom, daqqa naqra hawn u daqqa hinn.

Nistqarr, dak li qrajt il-bieraħ, mhux darba u tnejn li nerġa' naqrah il-lum biex inġedded il-ħlewwa ta' qari li jogħġob. Kif saħħarni t-tagħrif dwar Maltin, bħal Temi Zammit, Napuljun Tagliaferro u Ġanni Vassallo, f'"Ward u Riħan", hekk ukoll laqatni "M. A. Vassalli u Żminijietu". Mhux lakemm ktieb naqrah minn qoxra sa qoxra darbtejn, iżda dan ix-xogħol bijografiku tas-Sur Nin Cremona għarbiltu. Fih sibt ir-reqqa li s-Sur Nin hi magħġuna miegħu, għax kif daħal fir-ruħ tal-bniedem u s-snin li rawħ ħaj, jixhdu l-moħħ analitiku tiegħu li jaqdih tajjeb u qdieh wisq tajjeb għax-xogħol tal-grammatika.

Jien ma nixtieqx ingħarbel ix-xogħol tas-Sur Nin, u lanqas mhu ħsiebi nintilef fit-tifħir lejh, ladarba s-snin huma x-xhieda tas-siwi fix-xogħol tiegħu fit-tixrid u t-tisħiħ tal-kelma Maltija.

L-ewwel darba li niftakar li ltqajt mas-Sur Nin kien il-Liċeo. Hu kien qed igħallem xi klassi jew tnejn iżda mhux dik li fiha kont jien, u niftakar li staqsejt min hu, u kienu weġbuni li hu s-Sur Nin Cremona — A. Cremona li kiteb il-"grammatika" tal-Malti, billi x-xogħol tiegħu kien bħal dell li ma jinfiridx minnu. Għalkemm bħallikieku ma ħassejtnix miġbud wisq lejn min kiteb il-"grammatika" — li sena wara sena minn klassi għall-oħra ma riditx tħallili mistrieħ il-Liċeo — iżda, ħassejt ukoll li xeraqlu l-qima tiegħi lejh bħala bniedem li wera li jaf iħaddan u jħaddem fergħa ta' għerf il-bniedem. Il-Liċeo, jidhirli, ma kontx rajtu ħlief xi darba jew tnejn.

Kellhom jgħaddu s-snin qabel ma niftakar li rġajna ltqajna.

F'laqgħa tal-"Maltese Circle" tal-Malta Cultural Institute" li nżammet f'waħda mill-kmamar ta' isfel tal-Hotel Phoenicia, niftakar li kont smajt tinqara silta mill-episodju drammatiku tiegħu, "Ecce Homo". Issaħħart nismagħha. Ma nafx sewwa sew, iżda jidhirli li dik il-lejla kont għidtlu — bħalma qalulu bosta li kienu hemm — kemm għoġobni x-xogħol tiegħu.

Fl-Akkademja Letterarja li għamlet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti f'Diċembru ta' l-1955 fis-Sala Ewlenija ta' l-Università Rjali ta' Malta, niftakar li s-Sur Nin ma naqasx li jsemma' l-miġemgħa ta' kittieba, ħbieb u mistednin, kitba tiegħu. Dik is-sena f'"Il-Malti" ta' Settembru dehret l-ewwel kitba tiegħi fil-qari tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Mingħajr ħsieb ta' xejn, il-kitba tiegħi għaddiet minn taħt għajnejh, għax għalkemm kelli biss ħjiel dak iż-żmien — u l-lum naf wisq tajjeb — is-Sur Nin hu, biex ngħid hekk, miżżewweġ ma' "Il-Malti" għax, flimkien mad-Direttur ta' "Il-Malti", erħilu jirsisti ma' l-istampatur sabiex "Il-Malti" joħroġ fil-ħin, jara l-provi, u mitt ħaġa oħra, li ma tidhirx u ma tissemmiex, iżda xogħol li jiswa mitqlu deheb, għalkemm ta' ksir ir-ras. Min hu midħla ta' l-istampa jaf kemm xogħol isarraf toħroġ qari balma hu "Il-Malti".

Meta għadda ż-żmien u sirna nafu lil xulxin aktar mill-qrib, meta konna niltaqgħu ngħidu kelma fit-triq, mhux darba u tnejn semmieli dwar it-taħbit li jiltaqa' miegħu hu u d-Direttur biex "Il-Malti" jasal fil-ħin għand il-qarrejja, billi l-istampaturi l-lum mgħobbija sa rashom bix-xogħol.

Wara li jferragħ ftit tgemgim dwar ix-xogħol li jsib — billi hu jħobb ix-xogħol sew u kollox irid li jsir bir-reqqa — bħallikieku jinsa u jinfexx jitbissem. Mas-Sur Nin ma tiddejjaqx titkellem għax, għalkemm mhux żgħir fiż-żmien, mhux bniedem li jitnaffar mix-xejn, u barra dan kliemu meqjus u ma jaf jagħmel ħsara lil ħadd.

Il-memorja tajba tiegħu, ingħidha kif inħossha, tgħaġġibni; bħalma nqishom fih ħwejjeġ ta' min ifaħħarhom u jsemmihom l-ħeġġa biex biċċa xogħol itemmha u l-ġibda għat-tagħlim, minkejja li l-lum ma għadux iż-żagħżugħ ta' dari. Min fi "Il-Malti" joqgħod jedha fuq dak it-tagħrif grammatikali, li ilu jgħammed żmien bl-isem latin ta' "Varia Atque Breviora", li s-Sur Nin jagħti minn żmien għal żmien, jifhem malajr x'nixtieq infisser: kemm hu baqa' — biex ngħid hekk — jgħasses fuq il-kelma miktuba u kemm jixtieq jara li l-kelma Maltija tinkiteb sewwa u mingħajr għeltijiet, ukoll fl-irqaqat kollha tagħha.

Meta kont mort għandu biex hu wkoll jiktibli tifkira tiegħu fil-ġabra ta' tifkiriet ta' kitba ta' kittieba tal-Malti, li jien qed

indomm, niftakar li kien laqa' l-ħsieb tiegħi bil-ferħa kollha. Bis-sabar kollu kiteb siltiet mix-xogħlijiet tiegħu u l-lum inħossni kburi li għandi "tifkira" tiegħu sħiħa kemm jista' jkun. Biex bħallikieku jħallili tifkira tiegħu sħiħa kemm jista' jkun, ma qagħadx jaħsibha darbtejn meta tajtu x'jifhem li jekk hu għandu xi ritratt tiegħu li jista' jagħtihuli, jien nilqgħu bil-ferħa kollha u ngħożżu ladarba l-kitba u x-xbieha tal-kittieb jagħmlu ħolqa waħda. Wegħedni wieħed u żamm kelmtu bis-sħiħ, għax il-wieħed l-għoġbu jirregalali, tassew meħud tajjeb u wieħed mill-aħjar ritratti tiegħu.

Bil-ħlewwa kollha, li hi waħda mill-ħwejjeġ sbieħ tiegħu, qagħad jurini l-istudju tiegħu. Kemm xogħol jaħżen fih l-istudju tas-Sur Nin! Il-frott ta' snin ta' ħidma sfiqa hu merfugħ fuq dawk il-karti fid-deher bla ħajja. Jalla ma jintilfux!

Mingħajr tlaqliq ingħid li nħossni kburi li lis-Sur Nin sirt nafu, kemm għad-dehen u kemm għax-xogħol li ta lil Malta u kemm għalih innifsu għax bniedem li jiġbdek lejh.

Meta, għal quddiem ,jiġi xi ħadd iżgħar minni fis-snin u jara r-ritratt ta' tifkira tal-"Kummissjoni" tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, taħt il-presidenza tal-mibki Ġużè Musiat-Azzopardi, maħtura fl-1920, biex titwaqqaf ortografija waħda fost il-kittieba tal-Malti, u fosthom jilmaħ lis-Sur Nin — li dak iż-żmien kien fl-aħjar tiegħu u hekk għandna xhieda ta' kif kienu jafuh ix-"xjuħ" — inkun nista' nagħtih bil-fomm dawn it-tifkiriet sbieħ dwaru li għandi maħżuna f'moħħi.

Jalla — u din mhix biss xewqti iżda naf li hi wkoll ta' dawk li jafuh mill-qrib — Alla l-Imbierek jissokta jgħinu bi snin oħra ta' saħħa u ta' dehen biex il-ġid li ta b'riżq il-ħajja kulturali f'Malta sa issa mingħajr waqfien, jiżdied u jitkattar.

Malta teħtieġ nies bħalu u nixtieq li — mhux il-ħbieb biss — kulħadd jagħraf il-ġid li wettaq is-Sur Nin Cremona fil-qasam letterarju u lingwistiku Malti.

10 .5. 60.

# IS-SUR NIN CREMONA

## 1) DEJJEM ŻAGHŻUGH

FIL-HIDMA . FIL-HSIEB
DEJJEM . SEJJER
FIBRA . TA' . L-AZZAR
IŻ-ŻMIEN . GHADDEJ
U . DEJJEM . XORTA
ĠUVNI . LI . MA . JIXJIEHX
QALB . ŻAGHŻUGHA
GHEX . TASSEW . HADEM . HAFNA
MIMLI . BIS-SAHHA
IN-NAR . DONNU . JTAJJAR
DEJJEM . MIEXI
DEJJEM . FIL-BOGHOD . IHARES
GHAJNEJH . JIBBRU
FIL-LEHHA . TAL-HSIEB

---

## 2) STUDJUŻ

IL-FOLKLORE . L-ISTORJA
IL-POEŻIJA
IL-LETTERATURA . MALTIJA
KOLLOX . STUDJA
KOLLOX . TGHALLEM
HAFNA . KITEB
FERHAN . U . LEĠĠ . DEJJEM
QATT . MA . BEŻA' MIX-XOGHOL
IMSAHHAR . GHAD-DOKUMENTI
DEJJEM . BIL-KOTBA . QUDDIEMU
DEJJEM . BIL-PINNA . F'IDU
HAJTU . GHADDA
UTIEQA . FEJJIEDA
IL-GHERF . IXERRED

### 3) ĦABIB IL-MALTI

B'ID . TA' . IMGĦALLEM
X'ĦIN . RA . N-NISĠA SABIĦA
TA' . L-ILSIEN . MALTI
SILET . L-ORTOGRAFIJA
IL-GĦERQ . TAL-KELMA
IL-GRAMMATKA
IS-SINTASSI . TAL-KITBA
GĦALLEM . KIF . TINSEĠ . IL-ĦSIEB
WERA . L-GĦASEL . MOĦBI
IR-ROQMA . TAL-KELMA . MALTIJA
PILASTRU . U . PEDAMENT
TAL-MALTI
DEHER . FIL-KITBA . FIL-KOTBA
XEMX . QAWWIJA

KAN. P. CAUCHI
IV - V - MCMLX Għawdex.

---

# LIL NINU CREMONA

*Ta'* ALFRED M. PREVI, O.P.

X'ħin kont qed nara l-jum inin fl-għaxija,
U l-lejl qed joqrob biex bi star sewdien:
Lill-ħlejjaq joftom minn kull ġmiel, kull dija,
Il-ħajja mietet, u ġo moħħi ġieni

Il-ħsieb ta' dawk li ntemmu qabli u baqa'
Il-baħħ biss ta' ħajjithom. Imma lilek
It-tmiem ma jtemmek qatt, għax mhix ser taqa'
Il-ħajja li int stess kont bnejt b'għemilek.

Il-ħsieb li tnissel f'qalbek miż-żgħożija
Saħħaħlek u herrielek ħajtek kbira,
Għax inti bnejt ismha, biex Maltija

Tkun Malta b'ilsien Malti, mhux ilsira
Ta' ilsna barranin. Min bħalek Nin
Jgħix biss għal Malta, ħajtu qatt ma tnin.

Rabat, 3. 5. 60.

# PRANZU TA' ĠIEH MOGĦTI LIL DR. A. CREMONA, D.Lit. (Hons.) MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

Nhar is-Sibt, 2 ta' Lulju, 1960, il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tat pranzu ta' ġieħ lil Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.) bħala tifkira ta' għeluq it-tmenin sena, u bħala rikonoxximent ċkejken tal-ħidma kbira u siewja tiegħu għall-mixi 'l quddiem ta' l-Ilsien Malti, il-"Għaqda" dak in-nhar ippreżentatlu rigal ċkejken: tokka tal-fidda għamla ta' rixa. Saru diskorsi mill-President, Prof. Dr. Ġużè Galea, M.D., D.P.H., M.B.E., u minn Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.). Ġużè Cardona qara poeżija ta' l-okkażjoni.

## DISKORS TAL-PRESIDENT

Il-President, Professur Ġużè Galea, qal kelmtejn fejn semma li aħna f'Malta għandna vantaġġ li ma ssibux f'pajjiżi oħra: billi aħna żgħar, aktar hi ħaġa ħafifa li nsiru nafu lil xulxin. Jekk bniedem ikun dħuli, ħabrieki, iħobb jagħmel pjaċir u jagħti parir u għaref, bħas-Sur Nin Cremona, dana mhux biss jagħmel isem fost il-poplu iżda jitħabbeb u jsir ta' ġewwa ma' kotra kbira ta' nies.

Is-Sur Cremona l-lum sar figura nazzjonali u hu miżmum b'għożża kbira mill-poplu. Hu għadda għomru jħabrek, iħawtel u jxettel fil-qasam letterarju, għalhekk kienet ħaġa tassew xierqa li l-ħidma tiegħu tkun magħrufa mill-ogħla ċentru ta' koltura tal-Gżira, l-Università Rjali tagħna, li ħatritu bħala wieħed minn uliedha u żejnitu bil-grad ta' Duttur fil-Letteratura — D.Lit. (Hon. Causa).

Dan il-ġieħ mogħti lis-Sur Nin isebbaħ ukoll lill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" billi s-Sur Nin mhux biss kien wieħed mill-fundaturi tagħha, imma għadda ħajtu jaħdem għaliha u jħabrek biex dejjem jaraha tgħaddi aktar 'il quddiem u tikber u tikseb ir-rispett tal-poplu. Tant hu hekk, li ħafna nies magħrufin ferħu mhux biss lis-Sur Nin, iżda wkoll lill-Għaqda għall-unur mogħti mill-Università.

Għalhekk jixraq ħafna li l-Membri Akkademiċi jifirħu bil-qalb kollha lid-Duttur Ninu Cremona, id-Dekan tagħhom, u juruh il-qima li għandhom lejh u fuq kollox jixtiqulu għomor twil biex igawdi dak il-ġieħ kbir u wkoll biex jissokta jagħmlilhom il-qalb u l-ħila ħalli jwettqu l-ideal tagħhom, il-glorifikazzjoni ta' l-Ilsien Malti.

# TWEĠIBA TA'

## DR. A. CREMONA, D.Lit. (Hons.)

President, Sħabi tal-Għaqda,

Nirringrazzja bil-qalb kollha l-ewwelnett lill-President tal-*Għaqda*, il-Prof. Galea, ta' l-erba' kelmiet sbieħ li għoġbu jgħid fuqi, it-tieni lil sħabi tal-*Għaqda* li għoġobhom jistidnuni għal dan il-pranzu ta' ġieħ u onorawni bil-preżenza tagħhom, kif ukoll nirringrazzja lill-Membri tal-*Għaqda* kollha li għoġobhom f'din l-okkażjoni joffruli dan ir-rigal sabiħ bħala tifkira ta' għożża għall-unur li l-Università għoġobha tagħtini — rigal li jiena nibqa' ngħożż fost l-egħżeż tifkiriet li għandi.

Il-ferħ tal-*Għaqda* f'din l-okkażjoni għaliha għandu tifsira wisq iżjed sentimentali, wisq iżjed qawwija minn dik ta' ħadd-ieħor fil-kamp soċjali — ferħ fost dik il-familja li titgħaxxaq bil-ġieħ ta' xi wieħed minn niesha, ferħ li jirrifletti fuq l-isem ta' l-istess *Għaqda* għax kull ġieħ bħal dan ifisser rebħ ta' pres-tiġju tal-*Għaqda* — rebħa tal-Lsien Malti.

Jien ma nistax madankollu nqis il-valur ta' din it-tifsira ta' ġieħ li l-Università għoġobha tagħtini mingħajr ma nħares lejn l-istorja tal-*Għaqda*.

Nibda biex ngħid illi x-xogħol ta' studju tal-Malti, sew fil-kamp letterarju kemm fil-kamp xjentifiku, il-pubblikazzjonijiet ta' proża u versi bil-Malti fl-40 sena ta' ħajja tal-*Għaqda* minn kittieba tal-Malti, li kisbu xi ġieħ jew isem għal xogħolhom, aħna nafuh mill-attivitajiet u spirtu li qiegħed iżomm ħajja din il-*Għaqda*. Ix-xogħol letterarju li sar mill-kittieba tal-Malti f'dan il-perijodu ta' żmien qasir ma sarx minn kittieba oħra ta' qabel fil-mitt sena ta' qabel ma twieldet l-*Għaqda*.

Għandna nistqarru, madankollu, li jekk il-lum il-*Għaqda* waslet biex ħadet isem, hija u l-kittieba tagħha, dana nafuh l-ewwelnett lil dak il-Missier tal-Lettratura Maltija li fostna l-lum għandu min jixhdu sew f'demmu kemm fil-pinna tiegħu — irrid ngħid għall-ewwel President tal-*Għaqda*, il-Kav. Ġużè Mus-cat Azzopardi. Kien hu li qabel ma twaqqfet l-*Għaqda*, mad-

disa' snin qabel, kien fetaħ it-triq li minnha l-ewwel ma għadda l-Poeta Nazzjonali tagħna, imbagħad il-Professur Cuschieri, imbagħad wara dawn it-tnejn, mess b'xorti lili, meta darba ltaqa' miegħi u ħajjarni niktiblu xi versi għall-HABIB, li tiegħu kien id-Direttur. Lili Ġużè Muscat Azzopardi kien jafni s-Seminarju fejn, bħala Eżaminatur tiegħi tat-Taljan, kien ġie li qara xi versi tiegħi bit-Taljan. Wara xi snin messet imbagħad lill-*Għaqda* li twettaq ix-xogħol kbir tagħha: jiġifieri li twaqqaf sistema ta' ortografija waħda fil-kitba bil-Malti fost il-kittieba tal-Malti. Dak kien xogħol li sar wara s-sejħa li kien għamel fil-ġurnali s-Sur Saver Caruana, l-ewwel Segretarju tal-*Għaqda*, li b'riħtu l-kittieba tal-Malti nġabru u ngħaqdu flimkien f'familja waħda — familja akkademika li l-lum kibret fl-attivitajiet letterarji tagħha, b'mod li l-lum hija magħrufa uffiċjalment fit-tagħlim tal-Malti bis-sistema tagħha fl-iskejjel, fl-Università, fl-amministrazzjoni burokratika u legali, u li, saħansitra, kellha x-xorti li l-Università tagħna lil uliedha tagħarfilhom il-jedd ta' ġieh fil-gradi akkademiċi tagħha.

Għalhekk, min bħal Mons. Psaila, biex ma nsemmix lili li nħossni ċkejken fejn il-mertu li tawni, jikseb il-ġieh ta' grad akkademiku mill-*Alma Mater* tagħna, għandu jkun debitur lejn il-*Għaqda* li għax magħha u magħha żejjen ismu, għax ismu fl-Istorja tal-Letteratura Maltija ma jista' jingħażel qatt minn dak tal-*Għaqda*.

**U midalja oħra tad-deheb iqiegħed iż-Żmien ta' l-Istorja Maltija fuq sider NINU CREMONA, il-midalja ta' l-immortalità letterarja.**

**ĠUŻÈ AQUILINA**

# LI MA KONTX INT, SUR NIN...

## (1880 — 1960)

*Ta'* ĠUŻE' CARDONA

*Lis-Sur Nin Cremona*
*f'għeluq it-80 sena tiegħu.*

Li ma kontx int, Sur Nin,
Li sura ħloqt f'Ilsienna,
W erfajtu mit-taħwid
Li bih kien qed jinkiteb...

Li ma kontx int, Sur Nin,
Li tajtu libsa ġdida
Bil-ħsieb u l-ġmiel minsuġa
U sar bħal ilsna oħra...
Konna nitilfu l-benna
Ta' "NAZJU", ta' "SUSANNA"
U ta' Dun Karm il-vrus
Fl-għajnejn narawhom fqajra.

Li ma kontx int, Sur Nin,
Li tajtna regli sodi
Min kien se jibqa' jsawwar
Kitba jew vrus kotrana?

Li ma kontx int, Sur Nin,
M'għandniex lil Aquilina,
Galea, Vassall, Chetcuti,
Pisani, Ġorġ Zammit,
Briffa w kittieba oħra!

Għalhekk imbierek kien
Il-jum li fih, Sur Nin,
Is-Sur Ġużè tal-Marsa
Xtaq fil-"HABBAR" tiktiblu,
U wisq ta' risq il-jum
Li fih Vassallo Ġanni
Uriek "MUFTIEH IL-KITBA"
U ħajrek tkun grammatku.

Bil-ħidma ta' das-snin
Il-lum l' għalaqt tmenin
Ngħodduk fost l-ewlenin
Fost l-aqwa mill-Maltin.
Jekk proża, vrus, Sur Nin.
Int tajtna wisq tajbin;
Ħajjiet ta' kbar mejtin
U xogħlijiet drammin.
Dwar kollox ktibt, Sur Nin,
U la għalaqt tmenin,
Ħbiebek, Maltin, Għawdxin
Qima jagħtuk henjin
B'aktar minn xi festin:
Jixtiequ lilek snin
Bis-saħħa kotranin,
Bil-ħidma mimlijin,
Mis-Sema imberkin!

Sliema, 24. 5. 60.



**Is-Sur Nin Cremona. Disinn ta' Adrian Chetcuti.**
(Bil-kortesija ta' "It-Torċa")

## GĦAWDEX IQIM LIL NINU CREMONA

Fil-British Institute, Għawdex, is-Sibt, 28 ta' Mejju, 1960, sar "Soirèe d'Honneur" f'ġieh is-Sur Nin Cremona. Fost il-imstednin kien hemm preżenti l-Eċċ. Tiegħu Mons. G. Pace, Isqof ta' Għawdex, Chev. E. Cassar, Kummissarju ta' Għawdex u s-Sinjura tiegħu u Dr. A. Tabone, M.D., president tal-Kunsill Ċiviku. Saru diskorsi minn Dr. A. Tabone, Patri Lett. Akkursju Xerri, O.F.M., il-Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) u s-Sur Nin Cremona, u nqraw poeżiji ta' Mary Mejlaq, Mons. J. Farrugia, Dun M. A. Apap, Joe Zammit u Joe Mejlaq.

Myriam Vella msieħba fuq il-pjanu minn Joseph Vella, kantat il-poeżija "Nofs ta' Kelma" ta' Ninu Cremona. Inħadmet ukoll xena mill-"Ecce Homo" tas-Sur Nin, li fiha nstema' l-kor fuq il-mużika tas-Surmast J. Abela Scolaro.

## "HANNIEQA GIZIMIN"

### LIS-SUR NIN CREMONA

*Ta'* MARY MEILAK

Nixtieq li fl-isem l-Għaqda u l-Imseħbin
U l-ħbieb li hawn madwarna miġburin
Jien nagħmel għal dil-festa tat-tmenin
Imħiba hekk kif tixraq lis-Sur Nin.

U l-vers tiegħi jiġu minsuġin
B'tifħir u ġieh għall-ħidma ta' tant snin
Lil dal-kittieb mill-aktar magħrufin
Filolgu wkoll mill-aqwa fl-istess ħin.

U ismu jibqa' mfakkar u mberkin
Ix-xogħlijiet mn'idejh imħollijin,
Kelmiet u ideat minnu mgħarblin
Għall-Għnejna Letterarja tal-Maltin.

Nixtieq li l-versi tiegħi lis-Sur Nin
Indommlu bħal ħannieqa ġiżimin.

# IS-SUR NIN

## ĦAJJA ĦABRIEKA FIL-QASAM TAL-MALTI

*Taħdita magħmula mill-Prof. Ġ. Aquilina fil-laqgħa ta' ġieħ lil Dr. A. Cremona fil-British Institute, Għawdex, li saret fis-27 ta' Mejju, 1960.*

ILQAJT bil-ferħa l-istedina tas-Sur Ġorġ Xerri biex niġi hawn Għawdex ħalli nifraħ magħkom bis-Sur Nin, li ismu Malta u Għawdex huwa magħruf biżżejjed bħala l-isem ta' studjuż. Fuq is-Sur Nin bħala awtur u studjuż ktibt għat-tul f'żewġ studji li jiena ġbart fil-ktieb STUDJI KRITIĊI. L-aħjar miż-żewġ essays li ktibt fuqu huwa dak li ktibt meta diġà kont sirt professur tal-Malti, imma l-aktar marbut ma' qalbi huwa l-ewwel wieħed miktub 27 sena ilu meta jien kien għad għandi xi 22 sena. Ilu ħafna, meta tqis kemm ftit għexieren hemm fil-ħajja ta' bniedem. Dak iż-żmien jien kont għadni student fl-Università, u s-Sur Nin kien diġà raġel ta' tlieta u ħamsin sena. Issa hawn hija l-kurżità tiegħi. Bejn il-lum u sebgħa u għoxrin sena ilu ma nara l-ebda differenza fis-Sur Nin — l-istess karattru, studjuż, ferrieħi, mentalment dejjem okkupat, dejjem ċajtier, qatt merfugħ jew bożju. Tgħid x'inhu s-sigriet tas-Sur Nin li sa issa għadu jikteb u jħabrek aktar milli jiktbu u jħabirku ħafna iżgħar minnu? Jien naħseb li s-sigriet tal-ħajja twila u ħabrieka tas-Sur Nin hu li qatt ma ta każ ħafna tas-snin li jgħaddu bħal berqa minn fuq kulħadd; imma dejjem ħaseb fix-xogħol li kien jidħol għalih ġurnata waħda wara l-oħra. Moħħ bieżel, dejjem okkupat, ma jħallix lil dak li jkun ixerred ħsiebu fuq ħwejjeġ li jdejqu l-qalb u jqanqlu l-inkwiet li kulħadd jista' jqanqal fih jekk ma jkunx jaf igħix. Il-filosofija tas-Sur Nin hija kif ili nafu jien, l-aħjar filosofija li qatt jista' jkollu bniedem, hija aħseb u aħdem u tħabbatx rasek bi ħwejjeġ li jistgħu jkidduk bla bżonn. Mhux għax is-Sur Nin ma messux sehmu mid-dwejjaq li l-ħajja terfa' għal kulħadd, imma dejjem nesa malajr u reġa' sab il-faraġ fil-kotba u l-konversazzjoni edukata. Fil-għomor sabiħ ta' 80 sena, il-ħabib tiegħi Ninu Cremona jista' japplika għalih dak li l-awtur Ingliż George Meredith qal għalih fi xjuħitu: *"I still look on life with a young man's eye. I have always hoped that I should not grow old as some do — with a palsied intellect, living backwards, regarding other people as an anachronism because they*

*themselves have lived on into other times and left their sympathies behind them with their years*".

Is-Sur Nin Cremona għandu tajjeb li dejjem ħa l-ħajja biċċajt u bis-serjetà fl-istess ħin. Għandu dak id-don li l-Ingliżi jgħidulu *sense of humour*. M'ilux ċempilli għodu għodu fuq il-karti ta' l-eżamijiet biex igħidli li kien sejjer Għawdex għax qall li kien ħa post b'ċens għal tletin sena u ried imur jiffirma l-kuntratt. Bid-daħka qalli li lis-sid kien qallu : "Tletin sena għalija !"



(Bil-kortesija tat-"Times of Malta")

**Fl-1947, il-Gvernatur Sir Francis Douglas hemeż il-"Midalja Ġużè Muscat Azzopardi" fuq sider Ninu Cremona. Fin-nofs jidher il-Prof. Ġużè Galea.**

Imbagħad żied igħidli li dan il-post kien qiegħed jieħdu b'ċens biex iħallih wara mewtu lil xi ħadd li dar bih meta kellu bżonnu. Dan huwa s-sens ta' *joie de vivrê* ta' bniedem li għalaq it-tmenin u spiritwalment għadu żagħżugħ aktar minn ħafna żgħażagħ irrabjati u mikduda ta' wara l-gwerra.

Tmienja u għoxrin sena ilu, is-Sur Nin ħareġ ktieb ta' poeżiji li semmiehom *Weraq mar-Riħ*. Jiena, bil-ħeġġa ta' student li kien qiegħed jieħu sehem qawwi fil-kitba tal-Malti, ħaż-

żiżt studju li l-lum nara fih sforz ta' rieda ġajba forsi aktar milli xogħol ta' kritika serja. Imma għalija dan l-istudju huwa għażiż ħafna. Ifakkarni fi żmien meta kien ta' sikwit jiġi jitħaddet miegħi d-dar taz-ziju Pawlu l-Birgu fejn kont qiegħed ngħix dik il-ħabta. Kien jiġi għandi jitħaddet miegħi fuq il-Malti u studji ta' filoloġija, kif ukoll xi persekuzzjoni burokratika li kien għaddej minnha minħabba l-politika ta' dak iż-żmien.

Kemm ilni nafu lis-Sur Nin? Tmienja u għoxrin sena żgur, forsi iżjed; ma niftakarx sewwa. Imma l-aktar li stajt ilni nafu tletin jew disgħa u għoxrin sena, għax jien mort nistudja għal avukat Malta fis-sena 1930. Imma disgħa u għoxrin jew tletin sena ħajja huma għomor ta' bniedem, u għalhekk nista' niftaħar li lis-Sur Nin ilni midħla tiegħu ħafna. Nista' niftakar li huwa ħeġġiġni fl-istudji tal-Malti u li jiena, min-naħa tiegħi, bl-entużjażmu fil-milja ta' żgħożiti ħeġġiġtu wkoll jissokta fit-triq ta' l-istudji tal-Malti u l-għlieda għas-setgħat u l-jeddijiet tiegħu fil-ħajja nazzjonali tagħna.

Il-lum aħna żewġt irġiel li qajla nħossu d-differenza tas-snin bejnietna, imma meta wieħed ikun għadu żagħżugħ u l-ieħor ikun diġà raġel magħmul, u dan ikun qiegħed jiġġieled għal xi idea tiegħu, dan ir-raġel magħmul jagħmel il-qalb meta jkun jaf li xogħlu huwa apprezzat minn, biex ngħid hekk, rappreżentant ta' ġenerazzjoni żagħżugħa, daqskemm jiena l-lum nifraħ meta nara rappreżentanti ta' ġenerazzjoni iżgħar minn tiegħi tapprezza x-xogħol li għalih tajt l-aħjar ta' żmieni.

Bħalissa qiegħed niftakar kemm għamiltlu l-qalb biex jistampa *Il-Fidwa tal-Bdiewa*. Kien tani naqra l-manuskritt b'kaligrafija ta' oħtu mingħalija. Fl-aħħar din l-opra stampaha lewwel darba silta silta fit-*Teacher;* u jiena, li minn dak in-nhar 'l hawn messni nimla l-ewwel katedra tal-Malti fl-Università, għażiltha bħala test ta' qari drammatiku għall-istudenti Universitarji. Il-lum dan id-dramm huwa magħruf minn mijiet ta' professjonisti li studjawh meta kienu għadhom żgħar. Huwa dramm patrijottiku miktub b'sengħa li trid nifs twil u ħila kbira. Fih passaġġi millisbaħ li jqanqlu l-ammirazzjoni għas-sagrifiċċju li għamlu missirijietna tal-qedem meta dawn ħebbu għall-barrani li kien qiegħed jaħqar il-bdiewa mfaqqra. Dak kien żmien meta r-relazzjonijiet ta' bejni u s-Sur Nin kienu marbutin minn dik il-qima li żagħżugħ ta' interessi serji jkollu għal bniedem anzjan ammirat minnu. Minn dak in-nhar 'l hawn il-qima tiegħi għalih ma naqset qatt, għax ħabib studjuż aħjar minnu ma sibtx. Bħala

bniedem il-karattru tiegħu huwa ferrieħi u dħuli. Niesi tal-Birgu għadhom jiftakruh minn dak iż-żmien li jien kont għadni l-Birgu u jistaqsuni għalih. Dawk li kienu tfal u l-lum huma miżżewġin, meta nsemmih jistaqsuni: Kif inhu s-Sur Nin? U erħilhom jiftakru l-inqas ftietaq tad-drawwiet tiegħu. Is-Sur Nin huwa wieħed minn dawk li ħa l-ħajja bis-serjetà kollha imma mingħajr pompa u bla buri; u għalhekk erħilu jtaqtaq issa fuq ħaġa issa fuq oħra u qisu mhux hu. Konversazzjoni ma jħalliha qatt taqa' u la mal-għaref u lanqas ma' l-injorant. Hekk nafu disgħa u għoxrin sena ilu, u hekk għadni nafu l-lum. Karattru format li ma tbiddel qatt, jew aħjar ma tħassar qatt.

Meta l-bniedem igħix għat-tul jagħmel kollezzjoni ta' ħbieb u għedewwa. Hekk sejra l-ħajja. Imma l-ħbieb tassew huma minn dejjem ftit. Għalhekk ma qalx ħażin min widdibna li min isib ħabib isib teżor. Hemm ċerti ħbiberijiet li jiġġarrfu naħseb għax ma kinux mibnija fuq it-taħbit tal-qalb, imma fuq il-kalkoli. Il-ħbiberija tiegħi mas-Sur Nin hija waħda mill-egħżeż ħbiberijiet li baqgħet sħiħa kif għandha tibqa' kull ħbiberija li tinbena fuq il-ġibda li titnissel mill-imħabba għall-istess ideali u ftehim.

Għalhekk, il-lum, jiena nsellem f'din l-okkażjoni ħabib talqalb, u studjuż li sibtu dejjem ta' l-akbar għajnuna bħala kittieb kif ukoll bħala eżaminatur miegħi tal-Lsien Malti fl-Università. Qatt ma kelli eżaminatur aktar ħabrieki, aktar studjuż u tarreqqa minnu. Il-lejla nsellem mhux biss ħabib, imma Għawdxi bħalna, għax nista' ngħidilkom li s-Sur Nin, għalkemm ilu maqtugħ minn Għawdex, dejjem qies lilu nnifsu Għawdxi. U kull meta jsib ħin tarawh jiġi jgħaddi xi ftit taż-żmien f'din il-gżira jiftakar fi tfulitu. Dawk minnkom li qraw is-sensiela sunetti tiegħu f'Marsalforn jafu kemm qalbu hija marbuta ma' din il-gżira tax-xemx u l-frott. Darba Għawdex għal dejjem Għawdxi. Għax is-seħer ta' din il-gżira ma jintefa qatt.

Intom għamiltu sewwa li sejjaħtu lis-Sur Nin Cremona hawn fostkom biex tifirħu bih u tagħtuh il-ġieh li ħaqqu. Għax huwa wieħed minna, bin l-Għawdxin, demm Għawdxi li qatt ma ċaħad nislu, mhux biss, imma qiegħed isem Għawdex fin-niċċa talletteratura Maltija fil-poeżija li kiteb. Minbarra dan, intom qegħdin tagħtu ġieh lil bniedem li għomru u żmienu medhi fix-xogħol tal-moħħ; u qegħdin tagħtu eżempju sabiħ fil-persuna tiegħu liż-żgħażagħ li telgħin f'atmosfera ta' materjaliżmu li minnha mhux ser joħorġu ħafna studjużi jekk aħna ma negħelbux it-

twegħir taż-żminijiet koroh li qegħdin inħabbtu wiċċna magħhom.

Fid-dinja hemm xogħol li trid tagħmlu bilfors u għall-ħobż. Dan huwa wkoll xogħol qaddis, għax kull ħidma tagħti ġieh lil kull min għandu sens ta' missjoni. Hemm ukoll xogħol tal-moħħ li ma jħalli l-ebda qligħ warajh. Xogħol ta studju li jmexxi 'l quddiem l-għerf tal-bniedem. Jiena naf x'jiġifieri għaliex xogħol bħal dan għamilt ukoll. Ngħid għalija aktar ħlejt (ħlejt mhix kelma flokha, naf) **ħafna żmien fi studji li jew ma ħallew l-ebda** flus warajhom, jew ftit wisq. Imma studjuż tassew huwa dak li jagħmel ix-xogħol ta' bil-fors biex igħix u jgħajjex, u fl-istess ħin jagħmel dak ix-xogħol ta' studju li għalkemm ma għandu l-ebda valur ekonomiku jew kummerċjali, imma għandu valur morali jew kulturali kbir.

Il-lum aktar minn kull żmien ieħor irridu ngħaqqdu ħidma ma' oħra, imma miskin dak il-bniedem li jgħix biex jiekol u jorqod tajjeb biss. Miskin dak il-pajjiż li ma jrabbix nies ta' ideal, nies studjużi li jagħtu ħafna minn ħajjithom ifittxu l-għerf biex iżidu jkattruh.

Wieħed minn dawn in-nies dedikati għall-għerf huwa s-Sur Nin Cremona kif tafu dawk kollha li studjaw il-karriera tiegħu ta' kittieb u studjuż. Biex ngħarraf lid-dinja ta' l-istudjużi tal-Lingwistika, jiena xandart il-lista ta' xogħlijietu fl-*Orbis*, Rivista tal-Lingwistika internazzjonali li hija pubblikata f'Louvain taħt il-ħarsien ta' dik il-belt u megħjuna bil-flus mill-Belġju. (Hekk ikunu Gvernijiet u popli ċivilizzati!) Jiena fraħt ħafna, u intom għandkom tifirħu wkoll li s-Senat u l-Kunsill ta' l-Università Rjali ta' Malta laqgħu t-talba tiegħi li jien għamilt bħala d-Dean tal-Fakultà ta' l-Arti u l-Professur tal-Malti fl-Università fuq xhieda ta' ħidmietu, li tagħtih id-*Dottorat Honoris Causa*.. B'daqshekk sew is-Senat u kemm il-Kunsill ta' l-Università ta' Malta wrew li mhux biss japprezzaw il-ħidma ta' dan l-istudjuż li għadu ma waqafx jistrieħ, imma jridu wkoll juru liż-żgħażagħ tagħna bħala eżempju ta' ħajja ħabrieka mgħoddija fl-istudji ta' lsien il-poplu tagħna.

Is-Sur Nin għandu kontribuzzjoni sabiħa x'juri u bis-saħħa tagħha stħaqq il-ġieh li tatu l-Università u l-ġieh li qegħdin tagħmlulu intom il-lejla.

Ma hemm l-ebda mertu filli wieħed li twieled u ma mietx żgħir jixjieħ. Min ma jmutx żgħir ma **jistax jagħmel** ħaġ'oħra ħlief jixjieħ. Mhux in-nies biss **jixjieħu imma l-bhejjem** ukoll.

Il-konsolazzjoni qiegħda filli wieħed iħares lura u jara li ma tgħażżinx f'żgħożitu u f'irġulitu imma studja u ta lil pajjiżu l-frott ta' l-istudji tiegħu, tax-xogħol tiegħu tal-moħħ għall-ġid ta' ħaddieħor. X'jiswa tgħix jekk ma tgħix ta' bniedem li Alla żejnu b'moħħ u qalb li wieħed għandu jinqeda bihom għall-ġid ta' għajru? Daqskemm jitwieldu miljuni ta' nies fid-dinja u jmutu! X'inhu bniedem iżjed u bniedem anqas fost dawn il-miljuni? Imma ma nistgħux ngħidu hekk għal dak il-bniedem li jkun inqeda sewwa bis-setgħat li tagħtih il-Provvidenza u ta lil għajru xi ħaġa sabiħa li tibqa', jew kien ta' fejda lil pajjiżu Fil-persuna tas-Sur Cremona għandna wieħed li qatt ma nistgħu ngħidu għalih x'kien jimporta bniedem iżjed jew anqas. Is-Sur Cremona mela baħħ fil-ħajja Maltija bħala studjuż u awtur Malti. Wara mewtu wkoll il-ġid ta' l-istudju tiegħu jibqa' jinħass. Ismu u xogħlu jibqgħu jissemmew, u din hija xhieda biżżejjed li s-Sur Nin ġera sewwa l-ġirja tal-ħajja u ħaqqu l-palju tat-tiġrija li sejra tagħtih l-Università ta' Malta meta fl-4 ta' Ġunju tieħdu bħala binha wara li tkun ħatritu *Doctor Litterarum* kif ukoll din il-lejla l-ġieħ li qegħdin tagħtuh intom. Onorajtu lilu u onorajtu lilkom infuskom......



(Bil-kortesija ta' "It-Torċa")

**Fl-1960. Il-Viċi-Kanċellier ta' l-Università qed iqiegħed iċ-ċurkett fl-id il-leminija ta' Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.)**

# LIS-SUR NIN CREMONA

## F'GHELUQ IT-TMENIN SENA TA' ĦAJTU

*Tal*-Kan. Kap. Ġużeppi Farrugia

Ġejt il-lejla f'dil-miġemgħa,
Sabiex nifraħ lis-Sur Nin,
Għawdxi bħalna minn tal-qalba,
Li l-lum għalaq it-tmenin.

Ġejt nifraħlu għax ħabibi,
Ili nafu bosta snin,
U mhux kiesaħ, lanqas kburi,
Fuq hekk qbilna ma' xulxin.

Tmenin sena! . . . Bagatella! . . .
Dawn x'inhuma għas-Sur Nin!
Ħarsu lejh, għiduli s-sewwa,
Donnux ġuvni ta' għoxrin!

Farfett jaqbeż fuq il-fjuri
Sal-lum għadu das-Sur Nin,
Qatt ma jegħja, Alla jbierku,
Ġiehna jkabbar mal-Maltin.

Waħħal f'moħħu li jistudja
Ta' dil-Gżira l-lsien sabiħ,
Studjah tajjeb, seta' jagħmlu,
Għax minn dejjem moħħu jtih.

Fih sab ġawhar, il-ġmiel tagħhom,
Li ħadd qablu ma ra qatt,
Hu naddafhom, bdew ileqqu,
Dan filolgu, qal kulħadd.

Għax dawk dehru donnhom kwiekeb,
Ċari u sbieħ quddiem l-għajnejn,
Ta' min jifhem fl-ilsna l-oħra,
Mhux tal-ħmir għomja mit-tnejn.

Qalu sew li hu filologu;
Mhux dan biss, 'ma wkoll bennej
Tal-lsien Malti, pur u safi,
U tal-Malti wkoll għannej.

Għax hu kiteb proża u versi,
Versi jdoqqu daqs vjolin,
Ġnien bil-ward il-proża tiegħu,
It-tnejn zokkra u ħelwin.

Kieku wieħed kellu jsemmi
X'kotba kiteb is-Sur Nin
Fuq suġġetti differenti,
Kontu tibqgħu mistagħġbin.

M'għandix żmien insemmi kollox
Għax il-ħin kien itul wisq,
Oh, mur semmi kulma kiteb,
Kollu fejda u kollu risq!

Ħaġa waħda ma rridx ninsa,
Ħaġa ġdida għall-Maltin,
Li hu sawwar b'sengħa kbira,
B'regli fissi u wisq għaqlin.

U din kienet il-grammatka,
Li xogħol swietlu mhux ħażin,
Biex kitibha studja l-ilsna
U dam jaħdem fiha s-snin.

X'tiswa lingwa mingħajr regli!
Kulħadd jikteb kif irid!
Din mhix lingwa, jien ngħidilha,
Biċċa landa bis-sadid.

Għidli ħaġa tista' int tibni,
Bla ma tkejjel, mingħajr qies?
Xtur ikollok, *Għar* u *Casa*,
Mhux palazz suret in-nies.

Daqstant ieħor ħista' tikteb
Ilsien Malti bi stil fin,
Li ma kienx is-Sur Cremona,
Li tak regli mirqumin.

Jien nisħajje! dil-grammatka,
Bħan-nifs kienet li rxuxtat,
L-ilsien Malti minn ġol-qabar,
Fejn miżmum kien kważi fgat.

Malli Malta dan-nifs ħasset,
Man-nifs hi ħadet ir-ruħ,
Bdiet titħaddet u bdiet tkanta
Qalb in-nwar u l-ward ifuħ.

U bdew jidhru fuq is-siġar
Minn kull lewn għasafar sbieħ,
L-għanja jgħannu tal-lsien Malti,
Li jtir beda ma' kull riħ.

Kollu mertu tas-Sur Ninu
Fost l-oħrajn li ħadmu sħiħ,
Biex jaraw lil Malta tagħna
Minn kulħadd ikollha ġieh.

Fuq daqshekk ma rajthiex kbira,
Li ħa l-lawrja ta' Duttur,
Ifirħulu frattant intom,
Għax kien ħaqqu dan l-unur.

Jien nifraħlu wkoll minn qalbi,
Li Alla żejnu b'daqstant żmien
U noffrilu l-aqwa qima,
Li lejh dejjem kelli jien.

U nispiċċa: Il-lejl it-tajjeb.
Għax il-ħin daħalli sew,
Li ma kienx is-Sur Cremona,
Ma kontux tarawni hawn ġew.

27. 5. 60. Vittorja - Għawdex.

# IT-TEATRIN TA' MARSALFORN

*Ta'* PATRI Ġ. MEILAK S.J.

IS-SUR NIN CREMONA u jiena sirna nafu lil xulxin madwar l-1897, meta hu kellu xi sbatax-il sena u jiena ħdax. Kien is-sajf, u t-tnejn konna l-bajja ta' Marsalforn, Għawdex, ngħaddu hemm isfel il-vaganzi tas-sajf; hu kien ġie minn Malta, għax kien is-Seminarju tal-Furjana, biex jgħaddi l-ġranet tas-sajf hawn Għawdex għand oħtu, is-Sinjura Tereż — mart is-Sur Karm Apap, negozjant tal-bizzilla ta' Malta — fi triq Santa Marija, fuq ir-riħ tal-baħar li tieħu għall-Qbajjar, qabel ma tibda t-telgħa, kemm kemm mhux quddiem il-banju ta' l-Isqof.

Darba, wara nofs in-nhar, it-tlitt aħwa Theuma — Cali, Ninu u Bertu — ħaduni magħhom 'il hinn mill-Ponta ta' Santa Marija, fejn Ninu Cremona, ma' xi tnejn jew tlieta oħra, kien qed jistenniehom.

X'kienet il-biċċa? Ninu Cremona, sa minn ċkunitu kien mimli dehen, ħawtieli, fuq ruħu, ħabrieki, u jaf jiġbed lejh il-qalb ta' kull min jiltaqa' miegħu. Mela kienu miftehmin li jagħmlu teatrin, u hemmhekk taħt ix-xaqliba tat-triq tal-Qbajjar, f'post imwarrab, fost it-tirx u t-trab, il-għobbejr u x-xerbebb, kellu jgħallimhom dramm miktub minn Patri Ġeżwita Bjaġju Laleta, jismu "Id-Duka ta' Norfolk", li meta s-Sur Nin kien il-Kulleġġ tal-Ġeżwiti, Għawdex, xi ħames snin qabel, jiġifieri meta kien għad kellu xi tnax-il sena, kien raħ jinħadem fuq il-palk ta' dak il-kulleġġ. Tant kien impressjonah li baqa' jiftakru kollu kemm hu bix-xeni u dettalji tiegħu kollha.

Wara li qassmilhom il-bċejjeċ, jiġifieri kull wieħed x'għandu jkun, x'għandu jgħid u x'għandu jagħmel, Ninu Theuma qallu: "Lil dan (għalija) ma tagħtih xejn x'jagħmel?" — "Iva, sewwa" — wieġeb Ninu Cremona — "nagħtuh il-biċċa tal-kalzrier". Wara xi jumejn, kien filgħodu, ġie jsibni d-dar, u tani miktuba l-biċċa tiegħi, u qalli biex nitgħallimha bl-amment. Kien monologu, xi ftit twil ġmielu. Wara, iltqajna kemm-il darba, hemmhekk, dejjem qalb it-tirx u l-ħaxix, fil-kwiet; ħadd ma kien jaf bina; u bdejna l-provi... u jien sejjer bil-monologu tie-

għi, nippassiġġa u nirraġuna waħdi, b'għoqla f'qalbi, għax keli. magħluq fil-ħabs wieħed li kien jidhirli bla ħtija.

Waslet il-lejla li kellna nagħmlu d-dramm fid-dar ta' oħt is-Sur Nin.. Wara nżul ix-xemx, is-Sinjura daħħlet lil niesna, u xi wħud ħbiebha u ġirien tagħha, u ta' ġewwa ġewwa u ta' barra barra. Bdejna r-reċta u kienet diġà għaddiet xi nofs siegħa, x'ħin il-parti tiegħi kont diġà għamiltha. Kienu libbsuni daqsxejn waħda żmattat, dendluli tliet imfietaħ kbar ma' ħżiemi, u Ġiġi Theuma pinġieli, bis-sufra maħruqa, par mustaċċi ta' barra minn hawn! Il-monologu għidtu kollu kemm hu mill-ewwel sa l-aħħar kelma, u x'ħin dħalt ninħeba, is-Sur Nin feraħ bija.

F'daqqa waħda, inġabru barra t-triq, wara l-bieb, mal-għoxrin ras, kollha, tista' tgħid, tfal; xi wħud imfarfrin ġmielhom: subien, bniet, sefturi u xebbiet tas-"sinjuri villeġġanti", u bdew iħabbtu l-bieb kemm jifilħu għax riedu jidħlu. Hadd ma fetħilhom; kien hemm il-biżgħa li jagħmlu xi rvell, u mill-banda l-oħra, lanqas ma kien hemm wisa' fejn joqogħdu. Aktar ma bdejna nsikktuhom aktar baqgħu jħabbtu l-ħabbatiet, u saħansitra jagħtu bil-ġebel fuq il-bieb. Ċali Theuma tela' fuq, ħareġ fil-gallarija u tafa' fuqhom buqar ilma. Billi! Flok ma ħallewna bi kwietna, aktar saħnu għalina.

Kien id-dlam ċappa, u l-istorbju kiber, u sar donnu ta' l-infern. Marru fuq iċ-ċint ta' quddiem id-dar, rabtu l-ħabbatiet bi spag, u erħilhom itektku, u jtektku bla heda ta' xejn. Kien hemm is-Sur Ġużè Grech; ħareġ minn daru, u beda jċanfarhom, u fost ħwejjeġ oħra qalilhom: "Jaqaw il-bistikk ta' nofs in-nhar għadu ma għaddilkomx?" Fl-aħħar wasal il-pulizija Pawlu ta' Flejmen u keċċiehom. Il-ħin kien sar ġmielu; ir-reċta, għalkemm kien għad fadlilha ħafna biex tispiċċa, kellna naqtgħuha, minħabba t-telf ta' żmien li tlifna nsikktu lil dawk it-tfal. Hekk it-teatrin fid-dar ta' oħt is-Sur Nin kellu jisfratta mill-ewwel reċta.

Imma s-Sur Nin, għalkemm l-ewwel reċta ma rnexxitlux, ma qatax qalbu, għax wara teatrini oħra għamilniehom fix-xatt ta' Marsalforn, fuq ir-ramel, fil-beraħ . . . u dawk nies li kienu jiġu! . . . kbar u żgħar; kulħadd jisma' bla ma jitniffes, u kollox kien joħroġ b'wiċċ il-ġid.

Minn hemm ġie li wara nħoloq teatrin ieħor imwaqqaf minn xi erba' "sinjuri villeġġanti", li kienu krew hemm isfel għalqa kbira, li fiha armaw palk, bix-xeni, bil-kwinti u separju, b'qiegħa mwittija li serviet ta' platea, b'xi bankijiet u siġġijiet, il-biċċa l-kbira mlaqqtin mid-djar ta' l-istess villeġġanti. Platea u palk imdawlin bid-dawl ta' l-aċetilene.

It-tmexxija kienet f'idejn is-Sur Milard, li baqa' msemmi għall-abiltà tiegħu fl-arti drammatika; fost villeġġanti oħra li kienu jieħdu sehem f'dan ix-xorta ta' divertiment, biex ngħid hekk familjari, kien hemm it-tabib prinċipali ta' l-Isptar tar-Rabat, is-Sur Bertu Mercieca, is-Sinjurina Milard, oħt is-Sur Milard (li wara żżewġet lit-Tabib Dirjanu), is-Sur Bajona, skrivan is-Segreterija, u xi oħrajn mill-aħjar klassi ta' nies, li bihom kien jieħu gost kulħadd, saħansitra nies tal-kampanja li kienu jinżlu għal filgħaxija mix-Xagħra kull nhar ta' Sibt filgħaxija.

Bosta minn dawn li kienu jindaħlu fir-reċtar, fosthom dawk li semmejna, il-lum ħallewna, u magħhom għab ukoll dan id-divertiment li bih kienu jedhew mhux ftit il-villeġġanti ta' Marsalforn fi ljieli tas-Sajf. Flok dan id-divertiment il-lum daħlu divertimenti oħra, fosthom l-isports ta' fuq il-baħar, u x'naf jien.

Ninu Cremona għandu l-gieh li dak il-faraġ ta' Marsalforn, meta kien għadu daqsxejn ta' żagħżugħ, biex ma ngħidx ta' tifel, kien bdieh hu. . Hu wara kollox ma naqasx li meta baqa' jiġi fil-vaganzi minn Malta, jiġi jieħu sehem mal-pubbliku jitgħaxxaq b'dawk l-atturi kbar, tant li wara bosta u bosta snin huwa baqa' jiftakarhom ma' dawk it-teatrini żgħar li kien ħoloq fi ċkunitu, kif naraw mit-taħdita "Għawdex fi Ċkuniti" li kien għamel minn fuq ir-Rediffusion flimkien ma' Għawdxin oħra li jgħammru f'Malta bħala Tifkira tal-Ftuħ ta' l-Istazzjon tar-Rediffusion f'Malta fejn, fost tifkiriet oħra ta' ċkunitu semma wkoll dan it-Teatrin, hekk imsemmi tas-"Sinjuri", ir-rappreżentazzjonijiet li kienu jsiru u n-nies li kienu jieħdu sehem fihom.

# LIL NINU CREMONA

## FL-AKKADEMJA LI SARITLU FIL-"B.I."

## VICTORIA, GHAWDEX, 28. 5. 1960

*Ta'* Saċ. M.A. Apap

Id-dalma li ssewwed fil-qiegħ ta' Kalipsu
Li sserrep taħt Artna, mill-kotra minsija
Żmien ilu f'difrejha ħakmitna bla heda
Magħquda mad-dħaħen għoljin tal-Ġgantija.

*

U saitan lejl li ra tant sjuf għaddejja
Bla kwiekeb sbieħ ma' qamar lewn fidd.en
Ix-xtiewi tkarkar waħda wara l-oħra,
U xaqq ta' dawl ma jidher minn imkien.

Kien ġensna għaddej b'idejh 'il fuq mgħollija
Bħal mewġ ta' baħar li ma jixjieħ qatt,
Itenni l-innu ta' ħakmiet qarrieqa.
Fil-waqt li donnu m'hu mismugħ minn ħadd.

Narah iċarċar demm ma' dmugħ imħallat,
Quddiem l-allat li ma jarawx ħlief dlam,
Ma jisimgħux ħlief skiet ta' ħemda mejta;
Qlubhom ma tħennx, għax mhix ħlief ġebel samm.

U kif ta' Sawlu d-dalma tbiddlet f'dija
Bid-dawl ta' Xemx is-sewwa, hekk ukoll
Nistħajjel dalmet ġensna tgħib misthija
X'ħin b'ħeffa lsienu f'safa beda jħoll.

Hawn dija ġdida ġriet mal-għejjer tagħna
Kif ġriet mal-ħbit ta' mirkeb ir-Rażul
U ż-żgħażagħ ħutna għannew il-ġmiel tal-għana
Imżejna b'ġiżimin fix-xagħar maħlul.

U ħaddret l-Art fil-ġmiel ta' ħajja rżina
Bħal żonqra għammiela f'nofs baħar bejjien
Li fuqha tkellem kull għasfur tal-għana
Bil-ġmiel u l-qawwa ta' l-isbaħ ilsien.

*

Il-lum quddiem twemmin ta' elfejn sena
Nisma' dal-ġens f'ilsien idoqq sabiħ;
Marbut fi ħsieb u qalb waħdana hienja
Biex jogħla 'l fuq mill-mewġ ħafif tar-riħ.

Hemmhekk itenni radd il-ħajr tal-għotja
Li dawl feġġ f'nofsna, żmien bid-dlam miksija,
Li kellu jsaffi d-difa ċkejkna tagħna
u jisqi l-għasel tal-kelmiet Maltija.

U b'qawwa jsaħħaħ bħas-swar li jdawruna,
Li bħall-għoljiet jgħollina 'l fuq mill-art;
Hodor fit-tama bħall-għelieqi tagħna
Lesti biex iżejnuha lkoll bil-ward.

*

Hawn tfal imbissma, ferħanin, godlija,
Iqaċċtu l-frieghi, sfieq ta' rand u luq,
Hfief bħall-għefiered jersqu lejn dawl artna
Li minn ta' l-ewwel għolla ġiehna 'l fuq.

U bil-kuruna dejjem tħaddar f'idhom
Jinkurunawh, biex ma jintesa qatt;
U ż-żminijiet ġejjiena tisma' l-għajta
U twieġeb b'leħen wieħed lil kulħadd:

Mhux flien barrani li ma jaf ħadd demmu,
Mhux Melkart, Giove, Astarte jew Mammona;
Iżda kien huna, bidu u sies ta' qawwa
Gieh ilsien artna — kien Anton Cremona.

Xagħra, 28. 5. 1960.

# LIL NINU CREMONA
## F'GHELUQ IT-TMENIN SENA MIT-TWELID TIEGHU

*Ta'* Joe Mejlak

Fil-ġnejna letterarja t'art twelidi
Li kienet għadha mneżżgħa u bosta fqira,
Sa fl-aħħar tfaċċa fjur tmenin sena ilu,
Bil-ħsieb li jagħmel ġieħ lil din il-Gżira.
U ħsiebu seħħ, għax b'ħiltu u b'għemilu
Lill-Gżira tagħna għollieha mas-smewwiet;
W għalkemm tmenin rebbiegħa għaddiet minn fuqu
Il-ħeġġa għal art twelidu qatt ma ntfiet.
Xogħlijiet kbar u sbieħ hu għaraf sawwar;
Hemm il-Grammatka nixtieq jien nsemmi,
Għax kienet hi li bdiet tgħallimni nikteb,
U l-poeżija tqanqlet ġewwa demmi.
Nitolbu 'l Alla jibqa' iktar magħna;
Ħa jkompli jagħmel ġieħ lil GĦAWDEX tagħna!

27 ta' Mejju, 1960.

# NINU CREMONA

*Ta'* Joseph Zammit

F'dil-ġurnata, ja Ninu Cremona,
Jiena ngħanni din l-għanja għalik
Għaliex wara li bnejtli 'l Ilsieni,
J'xraq lilek xi ħaġa nagħtik.
Il-lum inti għalaqt tmenin sena,
Għalhekk dan hu għalik jum wisq kb'r.
Nieħu mela f'dal-jum l-okkażjoni
Biex minn qalbi nagħtik it-tifħir.
Kemm batejt u tjassart int f'ħajtek
Biex tgħallimni tal-Malti l-Ilsien!
Dan nafhulek u nibqa', Cremona,
Mhux biss jien, 'ma kulħadd tul iż-żmien.
Lilna tajtna dak kollu l' kellek.
Għaraqt, ħdimt mingħajr ebda serħan.
Għalhekk aħna f'dal-jum nixtiqulek
Għomor twil li fih tgħix wisq ferħan.



**Is-Sur Nin Cremona fl-1912**

(Bil-kortesija ta' "It-Torċa")

# LIL NINU CREMONA

*Ta'* Frank Mercieca

Tħabbat bil-ħaqq ħabib qadim ta' ġewwa
kull meta lmaħt il-għadu lsienna jmiegħek
għax int kont taf li rebħa fuq l-għedewwa
tfisser ħidma bla tarf tad-dgħif ta' driegħek.

Ilmaħtek tibki sħiħ fit-triq tad-dnewwa
x'ħin rajt 'il ġensek jarmi wirt dejjiem,
ikasbar bla ma jaf il-ġieħ tas-sewwa
u joqrob lejn xfar irdum mingħajr lġiem.

'Ma l-lum ħolmet żogħżitek saret ġrajja,
il-ħsieb li tant għannaqt seħħ tabilħaqq;
tgħaxxaq minn issa mal-mixja tal-ħajja,
imbierka mill-ħlejjaq, jifhimha kulħadd.

U maż-żmien li għad itul, għażiż ħabib,
ġensna jintebaħ li bħalek ftit isib.

29. 5. 60.

Victoria - Gozo.

# IL-PROLOGU TA' "IL-FIDWA TAL-BDIEWA"

*Studju ta'* Ġużè' Chetcuti

FI kliem il-Professur Aquilina, "id-dramm li fih jieħdu sehem 22 persunaġġ jiftaħ b'versi martelljani b'rima mbewsa, il-prologu jew bidu tal-ġrajja Maltija li bħala poema oriġinali fil-letteratura tagħna, mimli xbihat ħajja, waħdu biss, jistħoqqlu jissejjaħ xogħol ta' mgħallem".

Il-Prologu hu l-ftuħ tad-dramm epiku-pastorali ta' Ninu Cremona li jiġbor fih ġrajja ta' tbatijiet u sagrifiċċji, ta' ħila u ta' qlubija, li minnha għaddew niesna meta kienu taħt il-ħakma tal-fewdatarji Spanjoli.

Dan id-dramm li jqiegħed l-ewwel ġebla soda fil-pedament tal-letteratura drammatika ta' pajjiżna, hu mibni fuq erba' elementi: l-element storiku, patrijottiku, reliġjuż, letterarju. L-awtur jieħu pagna mill-istorja ta' Malta, pagna glorjuża li turi l-qalb sħiħa tal-poplu Malti li, taħt it-theddida tal-ġuħ u tal-mewt, għarfet iżżomm u ma ċċedi qatt. Kien il-bidu tas-seklu XV meta Malta kienet tinsab għaddejja minn żmenijiet koroħ fl-istorja ta' ħajjitha, mill-jasar tal-ħakma tal-fewdatarji. Għalkemm, skond il-ftehim ta' l-1420, il-privileġġi u d-drawwiet tal-Maltin kellhom jibqgħu bla ma jittiefsu, Don Gonsalvo Monroy, li f'idejh Malta kienet fdata mir-Re Alfonso ta' Aragone, ħawwad u ħaqar lill-Maltin kemm felaħ. Il-Maltin li ma felħux jinħaqru aktar qamu kontra Monroy, u lil martu, Donna Costanza, għalquha fil-Kastell ta' Sant'Anġlu. Bi ftehim mar-Re Alfonso ta' Aragona, il-Maltin fdew arthom billi kellhom iħallsu s-somma ta' tletin elf fjorin.

Fuq din il-ġrajja Ninu Cremona bena d-dramm "Il-Fidwa tal-Bdiewa", interpretazzjoni ħajja tas-sentimenti ta' mħabba u ta' mibegħda ta 'poplu ċkejken, imħabba lejn art twelidu, mibegħda lejn l-egħdewwa li kienu jaħkmuha u jassruha. Fil-Prologu s-Sur Nin jgħidilna:

> Il-qalb ta' wied ir-raba' fl-egħkies tal-madmad drat,
> ħasset mingħajr ma tkellmet kuljum mis-sid is-swat.

Il-Prologu fl-arti moderna ma għadux aktar użat. Kif ktibt diġà fi studju ieħor, id-dramatist tal-lum la juża l-prologu u lanqas l-epilogu. Il-prologu hu ta' oriġini Griega, u l-iskop tiegħu

kien li jagħti lill-udjenza l-informazzjoni meħtieġa fuq is-suġġett li jkun ser jiġi ittrattat. Il-prologu kien użat b'effett kbir minn Shakespeare bħalma wkoll mid-dramatisti klassiċi Spanjoli Lope de Vega u Calderon. Għamel sewwa s-Sur Nin li fid-dramm tiegħu daħħal il-prologu? Fil-fehma tiegħi, għamel tajjeb. Għax id-dramm "Il-Fidwa tal-Bdiewa" hu mibni fuq tifsila klassika-romantika, u prologu jaddatta ruħu ħafna ma' din ix-xorta ta' drammi.

Ninu Cremona f'dan il-prologu mimli immaġinazzjoni u poeżija jagħtina ħjiel ta' dak li ispirah biex kiteb dan id-dramm storiku-patrijottiku. Din il-ġrajja, kif igħidilna l-awtur, "ħadha minn ħalq l-għannej tal-Għejna u jrid igħidha kif semagħha, b'xi kliem tal-lum imżejna". Cremona jurina b'episodji u kwadri li jimpressjonawk li l-bdiewa ġwejda Maltin ma felħux aktar u qamu kontra Monroy u ġġieldu għall-fidwa tagħhom.

Iżda minbarra li jqanqal l-ispirtu patrijottiku, il-prologu hu wkoll xogħol ta' immaġinazzjoni sabiħa li teħodna 'l bogħod ngħixu ma' niesna ta' ħames mitt sena ilu fil-ferħ u fin-niket, fid-drawwiet u t-tradizzjonijiet tagħhom. Il-poeta jagħtina wkoll dehriet ta' folklore Malti meta jsemmi "qasrija minn tal-ħabaq" li, dari, kienet titqiegħed fit-tieqa biex tfisser li f'dik id-dar kien hemm xebba għaż-żwieġ, u "ja rabta ta' maktur", ir-rabta li kienet issir dak in-nhar li l-għarajjes iwiegħdu lil xulxin għaż-żwieġ fil-waqt li jagħtu maktur lil xulxin.

It-teknika tal-versi hi tajba: kull vers, imqassam f'żewġ settenarji, hu mqabbel mal-vers ta' wrajh. Il-kelma hi safja, kif jaf iħaddimha Cremona, mimlija b'dik il-ħeġġa ta' ħajja u ta' lwien. Is-sengħa artistika tinħass ukoll fil-ġmel ta' ideat poetiċi mżewqa u fil-figuri tad-diskors.

L-element deskrittiv jagħmel sehem importanti u naraw kif l-awtur fid-deskrizzjonijiet tiegħu jitfagħna fil-qalba taż-żmien u jqiegħed b'mod mill-iżjed artistiku u naturali d-dehriet li leħħu quddiemu.

Intenni dak li ktibt band'oħra:

"Il-ġmiel u l-kulurit tal-kelma flimkien mal-qawwa u l-kobor ta' l-idea jiġbru fihom l-ideal ta' l-Arti. U dan il-prologu nqisu bħala biċċa xogħol ta' arti sabiħa għax fih il-kelma hija mħaddma u mirquma u l-idea qawwija u oriġinali. Il-fantasija f'dan il-prologu taħdem daqs kemm taħdem ir-realtà, u l-poeta jagħtina biċċa xogħol li tqanqal mill-qiegħ il-kuxjenza nazzjonali u tagħni fil-ġieh u fil-glorja l-letteratura Maltija".

## "ECCE HOMO" TA' NINU CREMONA

Fuq dan id-dramm fl-introduzzjoni l-awtur għamel kumment f'loku ħafna : "L-istil klassiku, id-djalogu narrativ, il-frażjoloġija konvenzjonali romana, id-drawwiet ta' l-atmosfera pagana bl-antitesi tal-ħajja ta' l-ewwel Insara jagħżlu lil dan ix-xogħol mix-xogħlijiet drammatiċi l-oħra tal-lum li taw lill-Palk Malti x-xeħta ta' Teatru Modern.

"Iżda għal min għandu s-sens ta' l-arti drammatika din id-differenza ta' xena, stil u azzjoni m'għandhiex ittellef, biex ngħid hekk, il-valur tat-teknika tal-kompożizzjoni. Wara kollox biex wieħed jagħti biċċa xogħol tajba, sew jekk dramm jew kummiedja, barra mill-figura tal-persunaġġi, il-kittieb għandu jaħseb fil-fond, fil-kulur ta' dik l-arti u ż-żmien li fihom inħadmet l-azzjoni; għax dak il-kulur u l-ambjent u ż-żmien ma jinħtieġx li jkun tabilfors ta' dik is-soċjetà li fosthom igħix il-poplu tal-lum biex tkun biċċa xogħol tajba skond it-teknika tal-Palk. Li kieku ma kienx hekk it-traġedja ta' Shakespeare u ta' drammaturgi oħra Griegi, Latini, Taljani u Franċiżi ta' l-iskola drammatika qadima marru fil-miżbla jew inħarqu".

"Ecce Homo" jiġbor fih suġġett storiku b'persunaġġi bħal ta' Ponzju, Klawdja u l-Madalena kif nafuhom mill-Bibbja. Iżda fuq din il-bażi storika l-awtur għaraf iħaddem inċidenti u sitwazzjonijiet immaġinarji. Il-kunċett — kunċett mistiku — huwa miżmum mill-bidu sa l-aħħar, u d-dramm aktar ma jimxi 'l quddiem aktar iqanqal l-interess sakemm jasal għall-konklużjoni li fiha tiġbor forza ta' ħsieb u ta' immaġinazzjoni. Konklużojni mill-iżjed effettiva. It-tliet unitajiet, jiġifieri ż-Żmien, il-Lokal u l-Azzjoni, iżommu l-moviment miexi, bla qtugħ u bla taħwid.

Id-djalogu, billi huwa elaborat u mimli b'sentenzi letterarji, jista' ma jogħġobx lill-udjenza moderna li trid tisma' djalogu sempliċi, dirett u ċar daqs il-kristall. Id-djalogu jrid jinħadem b'mod li jpinġi quddiemna l-ħajja reali. Iżda dan l-episodju bibliku "Ecce Homo" jeħodna f'epoka mbiegħda u jfakkarna f'elementi u f'persunaġġi li l-lum qegħdin igħixu f'saltna ta' poeżija u ta' immaġinazzjoni. Għalhekk id-djalogu ma rridux inħarsu lejh bil-għajn kritika taż-żminijiet tagħna, imma nistudjawh u napprezzawh bħalma nistudjaw u napprezzaw xogħol ta' poeżija.

Qed inxandru dan il-Programm ta' Kunċert Malti fit-Teatru Manoel li l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kienet għamlet nhar is-Sibt, 3 ta' Frar, 1923, biex jibqa' bħala tifkira ta' meta nħadmet l-ewwel darba parti mid-dramm "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ta' Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hon.).

## GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

## PROGRAMM

## TA' KUNĊERT MALTI FIT-TEATRU MANOEL

**Is-Sibt, 3 ta' Frar, 1923, fit-3.30 p.m.**

### L-EWWEL BIĊĊA

1. *Il-President tal-Għaqda* (Kav. G. Muscat Azzopardi) — Kelmtejn Qabel

2. *Soċ. Mand. "Melita"* (Vittoriosa) — Prof. Dr. Rob. Sammut
   a) Innu Malti*
   G. Frendo
   b) Gran Marcia "Melita"

3. *Alb. Flores* — Prof. Dun Karm Psaila
   "Għanja ta' Malti fl-Amerka"

4. *Soċ. Mand. "Melita"* — G. Frendo
   Sinfonia Beau-Ideal

5 *Kontradanza Maltija*
   (Żfin minn tfal ta' tas-Sliema)

6. *Solo (Kitarra)* (Romeo Barbara) — R. Barbara
   "Scherzo in LA Maggiore"

7. *Soċ. Mand. "Melita"* — G. Cefai
   Melodia

## IT-TIENI BIĊĊA

## IL-FIDWA TAL-BDIEWA

Versi ta' Ant. Cremona
Ġrajja Maltija (1427-29)

Żmien il-Ħakma ta' Gonsalvo Monroy

1. *Xena mill-I Att* — Ir-Rewixta tal-Bdiewa
2. *Romanza* — Si.na Giuseppina Muscat

Nofs ta' Kelma

Mużika ta' P. Sammut Inglott
Kliem ta' A. Cremona.

3. *Xena mit-II Att* — Il-Ġemgħa għall-Fidwa
   Rożi tagħti l-għież tagħha
4. *Solo (Vjolin)* — Ch. Fiammingo
   Is-Si.na Mary Magri L.A.B.
   "Love Song"
5. *Tableau mit-III Att* — Qlub Mifruda
   Il-Ħuġġieġa għan-Nafra
6. *Tableau mir-IV Att* — In-Nasba
   Rożi Misruqa mill-Ispanjoli
7. *Is-Sur Carm. Chircop* — Mużika ta' Goff. Serge
   Kliem ta' Gino Muscat Azzopardi
   "Ftakar"
8. *Tableau mill-V Att* — Mifdija
   Sliem Għalik Sultana (Bil-Kant)
9. *Bniet ta' l-Iskola tal-Gvern* — Mużika Dr. Rob. Sammut
   Kliem Prof. Dun K. Psaila.

L-Innu Malti

Nota: *Dan l-Innu Malti ndaqq u tkanta l-ewwel darba f'dan il-Kunċert.*

F'dan il-Kunċert ħadu sehem id-"Dominies" tal-"Malta Union of Teachers" u s-"Società Mandolinistica Melita" tal-Birgu.

## IN-NIES TAL-ĠRAJJA MALTIJA

| | |
|---|---|
| Rożi | Si.na Carmelina Borg |
| Betti | ,, Miranda Levanzin |
| Anni | ,, Mary Farrugia |
| Kozzi | ,, Amelia Sammut Inglott |
| Zolli | ,, Jolanda Levanzin |
| Marì | ,, Mary Muscat |
| Ġanni | Is-Sur Antonio Diacono |
| Pietru | ,, Annibale Zammit |
| Matti | ,, Edoardo Tonna |
| Ċikku | ,, Rogantino Cachia |
| Gawdenz | ,, Emmanuele Xuereb |

Bdiewa Nisa Bdiewa Rġiel

L-"Għanja" fix-xena ta' l-Ewwel Att tkantat mit-Tenur M. Gauci fuq il-Mużika tas-Sur Goffredo Serge. Kitarristi fil-"Għanja" s-Sinjuri Romeo Barbara u Enrico Casingena.

Direzzjoni tat-"Tableaux" (Kwadri Plastiċi) mill-Pittur Ġanni Vella.

Il-Kunċert kien organizzat mis-Segretarju tal-"Għaqda" F. Sav. Caruana bil-kooperazzjoni tad-Direttur ta' l-Iskejjel Elementari Dr. A. Laferla.

**Fil-forġa ta' mħabbtu NINU CREMONA ħadem u għamel mill-Ilsien Malti dak li skultur kbir jagħmel minn ġebla iebsa u mħarbta — kapolavur ta' l-arti.**

**KARMENU ELLUL GALEA**

# REĊENSJONIJIET

**TIFSIR IL-KLIEM. FL-EWWEL KTIEB TA' STEJJER, HREJJEF U KITBA OĦRA ta' Sir Temi Zammit. Miktub minn A. Cremona. Malta University Press. 1960.**

Il-ħsieb tas-Sur Nin Cremona (il-lum Dr. A. Cremona) dejjem kien, fuq kollox u qabel kollox, it-tagħlim tat-tfal. Għalihom ħareġ il-grammatka tiegħu, l-aħjar grammatka ta' tagħlim għat-tfal, u għall-kbar ukoll, li għandna bil-Malti. U għalihom issa għamel il-ħsieb li joħroġ dan it-tagħrif fuq l-istejjer u l-ħrejjef ta' Temi Zammit.

Ħafna mill-kitba ta' Temi Zammit titħaddet fuq folklore u fuq suġġetti li huma ħafna drabi ta' natura teknika, u għalhekk ma setax jonqos li l-awtur ma jdaħħalx kliem u frażijiet teknići. Jien li messni ngħallem dan il-ktieb fil-klassijiet tal-Liċeo, naf biżżejjed kemm it-tfal, u wkoll is-surmastrijiet, isibuha bi tqila biex jifhmu għal kollox ċerti espressjonijiet u ċertu kliem tekniku. Dan ix-xogħol iebes ħaffifhulhom is-Sur Nin bil-ktieb ta' tagħrif li għadu kemm ħareġ.

Il-ktieb hu mqassam bis-sengħa kollha b'mod li l-istudenti ma jsibuhiex diffiċli meta jkunu jridu jsibu t-tifsira ta' xi kelma jew frażi. Nirringrazzjaw b'qalbi kollha dan il-ktieb, għax inħossni żgur li minnu jista' jinkiseb tagħlim kbir, u lis-Sur Nin inħeġġu biex ma jonqosx li jagħtina ktieb ieħor bħal dan ta' tagħrif għal meta joħroġ it-tieni ktieb ta' l-Istejjer u Ħrejjef tal-Professur Temi Zammit. It-tiftix u l-ħedma tiegħu jfissru tagħlim u ġid lill-istudjużi u lill-istudenti tal-Malti.

ġ. c.

---

**Bir-raġun kollu CREMONA jissejjaħ minna u minn ta' warajna l-kolonna ewlenija ta' Lsien Art Twelidna.**

**ĠUŻÈ CARDONA**

**IL-VENERABBLI ADELAIDE CINI U L-ISTITUT TAGĦHA ta' Ġużè Dimech DeBono. Peresso Press, Valletta. — 1960. Paġ. 20.**

Bil-Malti għandna bosta kotba fuq il-ħajja tal-Qaddisin; aktarx li l-bijografija sagra hija l-fergħa l-aktar għammiela tal-letteratura Maltija. Dan ifisser li l-poplu tagħna jħobb jaqra dwar il-ħajja qaddisa ta' nies mogħtija għal Alla. Għalhekk wieħed jistenna li din l-aħħar biċċa xogħol tas-Sur Ġużè Dimech DeBono tingħoġob u tkun milqugħa tajjeb mill-qarrejja. Nistennew dan mhux biss għax is-suġġett jirrigwarda bniedma Maltija bħalna li bil-ħidma, bit-tjubija u bil-qdusija tagħha laħqet il-venerazzjoni ta' l-artal, imma wkoll għall-merti intrinsiċi ta' dan il-ktieb. Madankollu l-awtur huwa garanzija tas-siwi ta' dan il-ktieb.

Is-Sur Dimech DeBono ntefa' bil-ħrara ta' qalbu kollha biex ifakkar u jistgħall lil dawk ulied Malta li b'għamilhom jew bi tjubithom stħoqqu l-qima u r-rispett ta' pajjiżhom; hu biex ngħid hekk, speċjalizza fil-kitba bijografija u dejjem qala' tifħir għal dan ix-xogħol tiegħu.

Dan l-aħħar ktieb jagħti ħjiel u dawl bla tiġbid żejjed fuq il-ħajja tal-għaġeb ta' waħda li nixtiquha u nistennewha tkun magħduda fost il-Qaddisin tas-sema. L-awtur ma jintilifx fuq ħafna rqaqat jew paltitudni iżda jillimita ruħu għal dak li huwa ta' interess jew ta' tagħlim mill-ħajja tal-Venerabbli Adelaide. Imma barra l-ħajja tagħha, l-awtur kiteb ukoll tagħrif interessanti fuq l-istitut u fuq l-opri tagħha u fuq l-isvilupp tagħhom u s-suċċessi li kellhom. Biex ikun kompit minn kollox, dan il-ktieb huwa mżejjen bi stampi sbieħ u stampat tajjeb hekk li jinqara bil gost u bi profitt. Prosit lis-Sur Ġużè Dimech DeBono.

G.

---

*Nizżu ħajr minn qalbna lid-Direzzjoni ta' "It-Torċa" u tat-"Times of Malta" li għoġobhom jislfuna r-ritratti u lill-kontributuri kollha li bil-kitba tagħhom żejnu dan in-numru li aħna ħriġna b'tifkira ta' għeluq it-80 sena ta' wieħed mill-akbar u mill-egħżeż ħbieb tal-Malti, Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.).*

---

**NINU CREMONA** jibqa' għal dejjem dawl jiddi sabiħ fil-qalb tal-ġenerazzjoni li tielgħa.

**ĠUŻÈ CHETCUTI**

**MILL-ART GHAS-SEMA. Karmenu Vassallo. 1s. Dipartiment ta' l-Informazzjoni. 1960.**

Dan huwa ktieb ieħor ta' Karmenu Vassallo. Fih jiġbor sitt kitbiet, ħamsa minnhom reliġjużi, kollha fihom ħsibijiet x'wieħed jomgħod u jtiegħem. Ma kienx ilu wisq li Karmenu Vassallo ħareġ il-ktieb tiegħu tal-poeżiji "Ħamiem u Sriep" li fih hemm, fil-fehma tiegħi, poeżiji li nistgħu nqisuhom fost l-aqwa li għandna fil-letteratura Maltija, meta f'daqqa waħda rġajna rajna fis-suq Malti ktieb ieħor ta' Karmenu Vassallo, din id-darba kollu kemm hu proża.

L-ewwel studju jittratta fuq żewġ żgħażagħ, Akille Mizzi u Peter Caruana, li Karmenu Vassallo jara fihom tnejn mill-poeti Maltin ta' għada. It-tieni studju, *Ruħ il-Bniedem u l-Liġi tal-Kuxjenza,* jagħtina meditazzjoni filosofika li l-bniedem għandu ruħ, għax bla ruħ mhux iżjed bniedem imma ġisem bla ħajja, u dik ir-ruħ ma tintemmx. Dan huwa t-tagħlim tal-Kristjaneżmu, u wettquh ukoll l-egħref filosofi ta' qabel Kristu, bħal Platone, Aristotele u Ċiċerun.

Il-Professur S.M. Zarb, O.P., fil-"Kelmtejn ta' Daħla" li għamel għall-ktieb, jissokta jgħidilna: "Mill-ispiritwalità tar-ruħ toħroġ l-intellettwalità: ir-ruħ għandha s-setgħa li tagħraf u tifhem, u għalhekk li taf li tifhem; għalhekk hija 'conscia' jew għandha dik is-setgħa li tissejjaħ *Kuxjenza* u li biha tiġġudika l-għemil tagħha kollu: tfaħħar ittajjeb u tmaqdar il-ħażin. Min jimxi fuq il-kuxjenza, jaħrab il-ħażen u jagħmel is-sewwa, ikun qiegħed igħix ta' bniedem li hu".

Studji oħra mill-iżjed interessanti li nsibu f'dan il-ktieb huma: *Ġirja ħafifa mit-Twelid sal-Mewt ta' Ġesù* li titkellem fuq l-Inkarnazzjoni u r-Redenzjoni; *Il-Madonna fil-Poeżija,* konferenza li Karmenu Vassallo kien għamel fil-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla fl-okkażjoni ta' l-ewwel Ċentenarju mid-Definizzjoni Dommatika ta' l-Immakulata Konċezzjoni; *San Pawl fil-Poeżija ta' Dun Karm* u *Ejjew Nibku Ftit,* meditazzjoni fuq il-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù.

Dawn l-istudji huma frott ta' tagħlim profond u tar-ruħ meditattiva tal-poeta. Waqt li juru l-frugħa tal-materjaliżmu, huma jsebbħu u jagħnu s-saltna ta' l-ispirtu. Miktuba b'Malti mill-aħjar u mirquma b'ideat sħaħ, huma għandhom bla dubju jservu ta' ġid kbir spiritwali għal kull min jaqrahom.

ġ.c.